edizzjoni "saghtar"

# RUŻAR BRIFFA

## HAJJA U KARATTRU



dokumentarju
ta'
**oliver friggieri**

J P.B.
698 79
3 F
B77
742

Royal
University of Malta
Library

Progressive No. of Work 87655
No. of Volumes ONE
Class Mark PJ9698.3.B77Z42
P.B 279

Remarks

*502529*

Id-Direzzjoni ta' l-Istamperija

# LUX PRESS

(ĦAMRUN)

fejn **RUŻAR BRIFFA** xandar

*l-ewwel ġabra tal-poeżiji tiegħu*

*issellem lit-tifkira tal-Poeta.*

# RUŻAR BRIFFA

# HAJJA U KARATTRU

*B'din il-bijografija, ħielsa minn analiżi kritika, ridt nuri fil-qosor żewġ ħwejjeġ. L-ewwel, li Briffa kien fil-qalba tal-ħidma fil-qawmien tal-Malti, fi żminijiet li kienu kontra l-Malti mija fil-mija, u li ried jorbtu ma' l-universita' biex igħollih. It-tieni, li min-naħa l-oħra, Briffa kien poeta qabel kull ħaġa oħra, u l-introspezzjoni tiegħu ma naqsitu qatt.*

*Ma rnexxilix insib il-gazzetta "Il Patria" li bdiet toħroġ fl-1924, fejn Briffa kiteb xi ftit fil-bidu tal-ħajja poetika.*

*Fuq kollox, nixtieq li l-qarrejja jifhmu li f'bijografija bħal din kelli ningħalaq mhux ftit biex inniżżel biss l-aqwa punti, waqt li bosta rqaqat oħrajn ma stajtx indaħħalhom, bħal fil-bijografija l-oħra dwar Dun Karm.*
*13 ta' Novembru, 1971.* *OLIVER FRIGGIERI.*

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

## KARATTRU

"Jiena niftakru dritt f'persuntu, fil-karattru tiegħu u fil-fehmiet tiegħu..." kiteb fuqu kollega universitarju.

Kif kien magħruf ma' ħbiebu, Briffa kien introvert, aktarx maqtugħ għalih waħdu mill-folol tas-soċjeta'. Kien ta' ftit kliem u jaħrab argumenti twal u sħan. Dik il-ħemda, li għal xi kittieba ħbieb tiegħu kienet tidher misterjuża u "indefinibbli" (kif kitibli Karmenu Vassallo), kienet tixhed li huwa kien nervuż fi ħsiebu. Kien jidher dejjem u kullimkien ħosbien, serju għall-aħħar poeta mimli b'xi ħaġa wisq akbar minnu. Xi drabi kien iżomm fuq xofftejh tbissima ta' sabar, ftit mistħija min-nies u aktarx mitfija. Dan juri li kien poeta l-ħin kollu, u mhux fil-waqtiet qsar ta' kitba. Fil-fatt, kien jemozzjona ruħu mill-iċken ħaġa.

Dr. Alfred Cauchi, wieħed mill-istudenti talkors miegħu, kiteb hekk fuqu: "Malli sirt nafu fl-universita', Rużar laqatni bħala bniedem magħluq fih innifsu, riservat fil-kliem u mnikket. Kien rari li tarah jidħak, jew aħjar jitbissem u kien jagħti l-impressjoni, lil min josservah tajjeb, ta' bniedem li għandu ħafna x'jaħseb imma ftit xi jgħid. Jiena kont nifforma parti minn klikka kbira minn sħabna; konna nikkummentaw fuq kulħadd u fuq kollox, nindaħlu u nikritikaw dak li ma kienx jogħġobna. Rużar ma kienx jifforma parti mill-klikka tagħna. Dan ma jfissirx li r-relazzjonijiet tagħna ma kinux normali. Anzi jien kont nammira l-qagħda paċifika tiegħu, li kienet tagħmel kuntrast ma' l-imġieba u l-ħidmiet tiegħi u ta' ħafna oħrajn."

Il-ħabib tiegħu Prof. Ġuże' Galea qal li huwa ġie li rah mitluf jitgħaxxaq b'xi xitla jew b'xi warda fil-ġnien tal-Barrakka ta' Fuq. Drabi oħra ġie li qabdu jissemma' l-għana ta' xi għasfur fuq xi siġra, daqqa fil-Barrakka u daqqa fl-Argotti, il-Furjana.

Jiġifieri kellu sensibilta' kbira għall-iċken ħaġa. Kien raġel li jħoss ħafna, kemm għalih innifsu u kemm għal ħaddieħor, u sar iħoss iżjed minħabba l-esperjenza, mhux biss personali iżda medika wkoll. Patri Ġużeppi Delia, S.J., ħabib tiegħu, f'manuskritt "Tagħrif fuq Rużar Briffa" (1971) li qiegħed għandi, kiteb: "F'kull okkażjoni li kelli li niltaqa' miegħu jew bħala ħbieb jew professjonalment, dejjem sibtu ta' sentimenti kbar, dejjem mimli mogħdrija lejn għajru, u dejjem lest biex jaqdi lil kulħadd. Kellu qalb li taf tassew tħobb."

Kull min kien jafu jiftakru bħala raġel millaħjar, marbut għal kollox mad-dar, ta' twemmin sod, ħabib sinċier, tabib ta' ħila u dħuli ma' kull klassi u tip ta' morda. Kien smajjar, irqiq u twil, ħaddejh mibruma, xufftejh mimlija u għajnejh skuri, iżda mhux suwed.

Is-sikta tiegħu hija marbuta, l-ewwelnett, mas-solitudni. Fil-poeżija dan l-element huwa ewlieni ħafna u mqassam f'kull żmien tal-medda poetika, jiġifieri bejn l-1924 u l-1963. L-ewwel poeżija, "Lacrymae Rerum", miktuba meta Ružar kellu 18-il sena, tħaddan diġa' l-elementi li baqgħu fil-karattru tiegħu sa ma miet: solitudni marbuta ma' nuqqas ta' ftehim u ma' ambjent imwarrab, sogħba għall-imgħoddi, il-ħolm li ma jseħħx, sehem fin-niket ta' ħaddieħor. Meta wieħed iqis li Briffa kien sinċier mija fil-mija fil-versi tiegħu, u saħansitra mill-bidu nett, wieħed jista' jgħid li huwa għażel il karriera medika bħala mezz ta' għajnuna għal ħaddieħor.

Is-sikta hija marbuta wkoll ma' l-imġieba tiegħu. Kien iħobb igħaddi ħin twil wieqaf waħdu ma' waħda mill-kolonni ta' wieħed mill-bibien ewlenin tal-Palazz, f'misraħ il-Palazz, il-Belt, u kien jehda jħares lejn is-suldati li fl-imgħoddi kienu jagħmlu s servizz ta' għassa quddiem il-"Main Guard". Huwa u jistenna, sikwit kien joqgħod jippassiġġa minn naħa għal oħra, u jpejjep. Kien iqabbad bla waqfien sigarrett wara ieħor, "chain smoker" tassew. Meta kien joħroġ mill-isptar ċentrali, fil-Furjana, kien joqgħod jimxi quddiem l-isptar u jistenna lill-karozzin li jkun ordna — aktarx ukoll l-istess wieħed minħabba li kien jibża' jsuq il-karozza — biex jiġi u jieħdu d-dar lejn l-ispiżerija. Ġie li ġara li sab lil min jagħtih lift bil-karozza, fosthom xi ħbieb li joħorġu mis-Seminarju, (bħal Dr. Ġorġ Zammit), iżda hu ma kienx jilqgħu minħabba li ma kienx ikun irid iħalli lill-kuċċier tal-karozzin jasal għalxejn.

Is-sikta tiegħu, imbagħad, hi marbuta wkoll mal-fatt li, minkejja li kien tabib maħbub u mfittex, kien aktar iħobb il-ġabra tad-dar. Kien jaħrab frugħat soċjali, u bosta drabi kien jidher waħdu, l-iżjed fil-"Caffe' Cordina", fejn kien jidħol jieħu kafe' iswed, kif kien iħobbu, u wkoll fil-"Premier", fi Pjazza Reġina, fejn kien iqatta' ħin twil jieħu xi ħaġa, daqqa waħdu u daqqa ma' martu Louisette, u fejn ġie li kiteb xi versi.

Din is-sikta tiegħu kienet minn dejjem, kif kiteb Dr. V.M. Pellegrini f'manuskritt li jinsab għandi. Dwar il-laqgħat letterarji fl-universita', Pellegrini kiteb: "F'dawk is-serati konna niltaqgħu ma' kulħadd u niddiskutu bl-akbar entużjażmu. Rużar Briffa kien dejjem, iżda, miġbur fih innifsu, ta' ftit kliem, ta' ftit ħbieb u xejn affattu espansiv."

Din it-tfittxija tas-skiet tagħti tifsira lill-fatt li l-poeżiji tiegħu huma wkoll, bosta drabi, mogħtija l-ambjent ħiemed li ried ifittex huwa minħabba l-karattru magħluq tiegħu. L-ambjenti tiegħu huma mkejjen ta' solitudni: xagħra, art imbiegħda, xatt, knejjes imġarrfa, għoljiet, ċimiterji, monasteru, u l-iżjed il-ġonna. Il-ġonna, bħala rkejjen ta' serħan u skiet, kienu mfittxa sew minn Briffa. Il-Barrakka ta' Fuq kienet imfittxa sa minn tfulitu, u 'l quddiem sa minn meta kien għadu student universitarju kien jitla' hemm ma' sieħbu Ġuże' Bonnici. Baqa' jfittixha sa l-aħħar xhur ta' ħajtu, u hemm kiteb uħud mill-aħħar poeżiji tiegħu, barra oħrajn ta' qabel. Bħall-ġnien ta' Hastings, il-Barrakka hija marbuta mal-ħsieb rari tas suwiċidju.

Il-ġnien ta' l-Argotti fil-Furjana kien għal qalbu wkoll, waqt li fil-Mall kien iqatta' l-ħin jistenna li jsirlu l-ħin li jmur għaż-żjajjar fl-isptar ċentrali. Il-ġnien ta' Sammiżun hu mfakkar ukoll f'waħda mill-aħħar poeżiji tiegħu li ġġib dak l-isem.

(Barra l-postijiet, il-ħinijiet li jinstabu xi drabi f'xi poeżiji tiegħu jixhdu l-għażla tas-solitudni wkoll).

Fil-għodu, qabel ma kien jidħol fl-ispiżerija ta' taħt il-loġoġ ta' Triq Irjali, il-Belt (il-"Crown Pharmacy", fejn kien ilu jaħdem ta' tabib mit-3 ta' Diċembru, 1953, wara li kien għamel żmien twil f'"The British Economical Dispensary" fi Triq Irjali wkoll) kien iħobb jagħmel erba' passi matul it-triq, dejjem fl-istess ħin, l-iżjed fuq il-bankina, min-naħa ta' Pjazza Reġina sa quddiem il-palazz.

Minkejja li kien jikteb ftit, jidher li kien iġarrab faraġ kbir fil-poeżija. Ma kienx jikteb biex ixandar, jew biex jifhmu kulħadd, u lanqas biex ikun imfaħħar. Iżda l-poeżija kellha importanza kbira fi ħsiebu, u dan irid jingħad għal ħajtu kollha, għalkemm f'żogħżitu kien ixandar regularment waqt li 'l quddiem kważi nħeba għal kollox, minkejja li baqa' jikteb għalih innifsu. Uħud minn ħbiebu stqarru li kemm-il darba, waqt li kienu jitħaddtu miegħu, kien jaqleb id-diskors minnufih u jaqbad jitkellem fuq il-poeżija. Fil-poeżija "Fil-Barrakka ta' Fuq", miktuba fil-5 ta' Novembru, 1959, ftakar f'żgħożitu meta sħabu kienu jinbxuh li hu 'poeta", waqt li ma ċaħadx bi kburija rari li kien jemmen fih innifsu bħala poeta. Kienet dik il-klikka, magħmula minn studenti li wħud minnhom kienu jiddieħku bil-Malti, li fi ħdanha Briffa kien jiddiskuti pulitka, letteratura u mużika. Darba minnhom, wieħed mill-klikka, Herbert Ganado, waqt laqgħa soċjali, dar fuqu u qallu: "Iż-żagħżugħ Żażu biż-żgħożija qażżeż iż-żgħażagħ!" (ara "Leħen is-Sewwa", 16 ta' Ott. 1971).

Huwa nnifsu ta importanza ewlenija lill-Muża, kif kiteb fid-daħla għall-ktieb tiegħu: "Uħud minnhom ktibthom fi żmien ta' dwejjaq kbar, oħrajn f'ta' ferħ. U ktibthom għalija u swewli ħafna ġid bħala 'escapism'." Minkejja li din it-tejorija ta' l-'escapism' ma tħaddnitx dejjem minn Briffa, minħabba li hemm waqtiet ta' l-akbar niktet f'ħajtu meta ma kitibx poeżija għal snin sħaħ (ngħidu aħna, l-aħħar żmien tal-marda u l-mewt ta' l-ewwel mara), madankollu l-poeżija tagħtu skop kbir. F'ittra li bagħat lil Ġuże' Cassar Pullicino fl-1945, kiteb: "Jolqotni ħsieb u jdum iberren f'moħħi għal xhur sħaħ — xi drabi għal snin. Imbagħad f'daqqa jtini ferħ ta' ġenn. Inkun fejn inkun ikolli nieħu lapes u karta u f'temp ta' minuta toħroġ weħidha l-poeżija."

Is-serjeta' li kien jorbot mal-poeżija tiegħu tidher f'din is-silta mill-manuskritt imsemmi ta' Delia: "Kont niggustah meta f'xi akkademja kien ikollu jaqra xi poeżija tiegħu stess. Kien jagħ-

mel wiċċ serju, serju, ħarstu kien iżommha ċassa fl-ajru, bħal mitlufa quddiem xi dehra misterjuża; kull kelma li kien ilissen kienet donnha ħierġa mill-qiegħ ta' qalbu u kienet toħroġlu bil-mod, solenni mimlija sentiment, kont taħsbu xi wieħed mill-orakli tal-Greċja l-Qadima, meta kien iħabbar xi messaġġ ta' l-allat lill-bnedmin."

Meta darba Briffa kien jinsab marid fl-isptar San Luqa, u Patri Mattew Sultana mar jarah, il-kliem waqa' malajr fuq il-poeżija, sakemm Briffa żied igħidlu: "Frati e preti non possono essere poeti perche' manca loro l'amore". Dik il-ħabta huwa kellu l-mara msiefra, u stqarr kemm kien iħoss ruħu mnikket. Sultana urieh il-ħsieb li jiktbu ittra lil martu msiefra, f'għamla ta' poeżija, u mbagħad jaraw ta' min kienet l-isbaħ. Briffa qabel, iżda ma kiteb xejn għax ma kienx jiflaħ, waqt li Sultana żmien wara mar għandu u wrieh il-poeżija "Ittra lil marti". Malli qraha, Briffa għafaslu ilu, u nfexx jibki.

Minkejja li kien jaf li kien imfaħħar kemm bħala poeta u kemm bħala tabib, baqa' umli ħafna sa l-aħħar. Meta kien jaqla' xi tifħir għall-versi tiegħu, kien jistagħġeb. Meta kien ikun mistieden biex jaqra xi poeżija f'xi programm, kien jistieden lil martu Louisette biex tgħinu jagħżel waħda hija. Is-sempliċita' ta' tfajjel ġewwa fih kienet tidher sewwa fl-imġieba tiegħu, l-iżjed meta kien jara li l-versi tiegħu kienu ngħoġbu.

Il-karattru magħluq jidher ukoll fil-mod traskurat kif kien jikteb u jħalli mitluqa 'l hawn u 'l hinn il-poeżiji. Il-biċċa l-kbira minnhom kitibhom fuq folji maqtugħa ta' xi ktejjeb tal-but, fuq innaħa ta' ġewwa ta' pakketti vojta tas-sigarretti, fuq karti tar-riċetti tal-mediċina, u fuq kull xorta ta' karti żgħar li kien isib fil-mument. Lanqas ma kien iżomm kopja tal-ġurnal jew rivista fejn kienu jidhru l-versi tiegħu. Meta ftit qabel l-1960, martu Louisette ħajritu biex jiġborhom fi ktieb, hija kienet tmur miegħu l-Bibljoteka u flimkien kienu jfittxu l-poeżiji mxerrda fil-ġurnali u r-rivisti mill-1925 'il quddiem. Patri Valentin Barbara ħa ħsieb l-ordni kronoloġika u l-ortografija Maltija. Minkejja l-ħidmiet ta' kulħadd, Briffa qatt ma kellu ħeġġa kbira biex ikun magħruf bħala poeta; għalhekk l-ordni kronoloġika kienet biċċa xogħol iebsa li, kif se nsemmi, għandha xi nuqqasijiet importanti ħafna. Min-naħa l-oħra mill-poeżiji talbidu tħalliet barra mill-ktieb tiegħu poeżija li Briffa kien kiteb fil-11 ta' Ottubru, 1931, lil ħabibu Dun Anton Vella, Ph.D., S.Th.D., mis-Siġġiewi f'jum l-ewwel quddiesa tiegħu. Il-kopja waħdanija ta' din il-poeżija minsija sibtha għand Dun Anton Vella nnifsu. Briffa kien xandar din il-poeżija ("Lill-ħabib tiegħi s-saċerdot ġdid Dun Anton Vella") fuq karti li jitqassmu, u ffirma "Dott. Ros. Briffa". Ftit jiem qabel huwa kien għadu kemm laħaq tabib; wara dik in-nhar il-poeżiji tiegħu dehru dejjem iffirmati b'ismu biss.

Il-karattru ġwejjed jidher ukoll fl-'imprimatur' ekkleżjastiku li kiseb biex xandar il-poeżija; din id-drawwa kienu jimxu fuqha awturi Maltin qodma oħrajn.

LILL-ĦABIB TIEGĦI

**is-Sacerdot gdid Dun ANTON VELLA Ph.D.**

B'TIFKIRA TAL-EWWEL QUDDIESA TIEGĦU

Imbierek min għażel il-għolja ġeblija
U herra qiegħ riġlu biż-żonqor misnun,
Min wiċċu nħaraqlu bix-xmejxa qawwija
U demmu sefalu jbaqbaq misħun,
Min xuxtu bjaditlu bis-sirda xitwija
U x-xita fuq daru ċerċritlu għejjun,
Min tiegħem kull qatra tal eħrex tbatija
Għax Kristu sejjaħlu biex tiegħu jkun.

Imbierek, imbierek! nies bħalu jonqosna
Ha' jreġġgħu fil-għandar in-ngħaġ mitlufin,
Fi ħdan ir-R'għaj Twajjeb li lilhom jistenna;
Minn barra dak l-għandar m'hemmx barka m'hemmx (benna.
—Il-lpup huma bosta wil-qlub huma għajjiena—
Imbierek, imbierek, min jati l-għajnuna.

11 - X - 31. Dott. Ros. Briffa.

Imprimatur
Datum in Curia Ep. ali Melit.
die 7 Octobris 1931
Can. P. Galea Vic. Gen.

Empire Press

**Il-poeżija bikrija li Briffa nesa għal kollox meta ġie biex jiġbor fi ktieb il-poeżiji tiegħu kollha fl-1960, minħabba li lanqas huwa nnifsu ma kellu kopja tagħha.**

F'żgħożitu ma kellu ebda xejra rivoluzzjonarja dwar il-ħakma kolonjali. Wieħed minn sħabu, Dr. Alfred Cauchi, kiteb: "Jiena kont anti-imperjalista u anti-kolonjalista u kont ġbidt fuqi l-kritika ħarxa tat-'Times of Malta" għaliex fil-pubbliku ma kontx inneħħi l-kappell waqt id-daqq tal-"God save the king". F'okkażjoni waħda minn dawn, Rużar kien fejni u skandalizza ruħu mhux ftit u baqa' dejjem jikkritikani fuq dan l-inċident." Madankollu, biż-żmien Briffa biddel fehmtu ġmielu, kif wera fit-taħdita ta' l-Assedju fl-1931, f'xi poeżiji, u l-iżjed fit-ton ġenerali u f'xi siltiet mit-taħdita "L-Iżvilupp tal-Letteratura Maltija" (1949): "Barra minn Ruma u mill-kavallieri ta' San Ġwann, min ħakem fuqna ftit jew xejn tilef żmien biex ikabbar il-kultura artistika tagħna... Id-dnub kien li kemm il-kbarat ekkleżjastiċi, u kemm il-kbarat ċivili kienu jkunu barranin u ma kinux jitħalltu magħna għax Malta kienet għalihom bħal sponża, biex tingħasar biss... Il-miġja ta' l-Ingliżi f'Malta ġiebet kollox ta' taħt fuq."

Fuq kollox kien altruwista sħiħ. Louisette Briffa tgħid li hu kien iħobb jistqarr li ried jagħżel il-professjoni tiegħu biex ikabbar is-sbuħija tal-ġilda u jnaqqas il-kruha tagħha. Kien igħożż ħafna l-ħbiberija. Jinghad li wieħed professjonista ħabib tiegħu intrefa' minn miegħu u ma baqax isellimlu għal xi żmien. Darba minnhom huwa



Il-poeta (immarkat bi vleġġa) meta kien għadu jistudja fl-Universita', flimkien ma' uħud mill-istudenti tal-kors tiegħu. It-tielet wieħed bil-qiegħda mix-xellug huwa ħabibu Ġuże' Bonnici.

ħtieġlu jmur għall-kura għand Briffa. Meta fl-aħħar staqsieh x'kellu jagħtih, Briffa qallu, "Xejn, xejn. Biss, meta tarani, sellimli."

## TFULIJA

Rużar, it-tieni fost seba' aħwa, twieled fid-dar (illum imwaqqgħa u meqruda) numru 8, Srada Irlandese, il-Belt Valletta, nhar is-16 ta' Jannar, 1906, u ġie mgħammed fil-21 tax-xahar, fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl. Missieru kien Duminku Briffa li kellu ħanut tal-kwadri artistiċi fi Strada Forni, kantuniera ma' Strada San Giovanni, u ommu Ġovanna Debono li l-poeta kellu devozzjoni sħiħa lejha. Id-dar fejn twieled illum saret numru 7H. Aktar tard il-familja tiegħu marret tgħammar għal sentejn fi Triq S. Kristofru, u fi Triq S. Duminku għal għoxrin sena.

## L-ISTUDENT

Ta' ħames snin beda jmur l-iskola elementari tal-Gvern ta' Sant'Iermu, il-Belt, u mbagħad il-Liċeo, il-Belt ukoll. L-ewwel xejra għall-ħidma Maltija wrieha meta kien għadu fit-tielet klassi. Darba wara nofs in-nhar, waqt il-lezzjoni ta' l-Istorja ta' Malta, magħmula minn ċertu Anġlu Vella, Briffa (li kien joqgħod f'bank fuq quddiem minħabba li f'dak iż-żmien l-istudenti kienu jieħdu posthom skond l-ordni alfabetika tal-kunjom) għadda nota baxx baxx lil J.P. Vassallo. Vassallo qara n-nota li kellha miktub: "Non nobis sed patriae, ejja nitlaqgħu wara l-iskola biex inwaqqfu soċjeta' fostna biex ninkuraġġixxu l-istudju ta' l-istorja t'artna." Minn dik in-nota ta' Briffa tnisslet is-"Societa' Malta Storica" fost l-istudenti tal-Liċeo. Barra Briffa u J.P. Vassallo kien hemm oħrajn bħal Silvio Dandria, Oscar Cesareo u ħutu, u Herbert Ganado. Dawn l-istudenti kienu jiltaqgħu darba fil-ġimgħa fid-dar ta' l-aħwa Cesareo fi Strada Seconda, il-Furjana. Saru bosta ħidmiet mis-"Soċieta' Malta Storica", iżda l-aqwa effett tagħha hu li mill-istorja Briffa ħass li kellu jgħaddi għall-poeżija.

Dwar il-klikka ta' l-istudenti tal-Liċeo li fiha kien hemm Briffa, J.P. Vassallo, li mill-ewwel klassi sal-Matrikola kien miegħu dejjem, kiteb: "F'dak iż-żmien aħna ma konniex noħorġu middar wara l-iskola għax konna noqogħdu nistudjaw; iżda billi s-Sibt kien vaganza, aħna konna nieħdu l-Ġimgħa fil-għaxija franka u mmorru l-pjazza, il-Belt, minn xi l-ħamsa 'l quddiem, nippassiġġaw, nitkellmu u nisimgħu l-banda militari li kienet iddoqq darba fil-ġimgħa. Nhar ta' Sibt konna mmorru nqerru."

Nhar ta' Sibt ukoll Briffa u sħabu kienu jmorru l-Barrakka ta' Fuq, jippassiġġaw u jiddiskutu, iżda kienu jmorru d-dar qabel id-disgħa. Xi drabi kienu jmorru jaraw film.

Mil-Liċeo ħareġ fl-1923 meta kiseb il-Matrikola fil-Latin, it-Taljan, l-Ingliż, il-Matematika u l-Fiżika. Fl-istess sena daħal mad-dipartiment ta' l-iskejjel elementari bħala għalliem fl-iskola primarja ta' Ħaż-Żabbar fejn dam għal sena skolastika sħiħa. Huwa kien l-ewwel għalliem Malti mat-

rikolat fl-iskejjel elementari. F'dawk ix-xhur attenda kors sħiħ ta' Pedagoġija Ogħla u għadda mill-eżami ta' l-aħħar. Wara ngħażel biex imur jissokta jistudja fl-Ingilterra biex jilħaq "head teacher", iżda f'Ottubru ta' l-1924, minflok siefer, daħal l-universita' ta' Malta biex jistudja l-mediċina.

"Lacrymae Rerum" (ara "Il Pronostcu Malti", 1925), l-ewwel poeżija tiegħu, kitibha f'dik il-ħabta, fis-16 ta' Awissu, 1924, meta suppost li kien qiegħed jiddeċiedi jekk jidħolx l-universita', jibqax għalliem jew jilqax l-offerta li jsiefer. L-argument tagħha huma l-imħabba u tista' tintrabat ma' xi esperjenza żagħżugħa ta' Briffa, ġuvni ta' 18-il sena. Ix-xejra amoruża baqgħet ewlenija fil-poeżija tiegħu, kemm fil-versi bikrija li kiteb bħala student universitarju (1924–1931), u kemm mill-1952 'il quddiem, żmien it-tieni mħabba tiegħu.

Fl-1928 kiseb il-grad ta' B.Sc. u sena wara ħa l-Ph.C., waqt li fl-1 ta' Ottubru, 1931, ħa l-lawreja ta' tabib, flimkien ma' erbatax-il student ieħor, fosthom Ġuże' Bonnici. Matul il-kors huwa wera interess speċjali fil-Batterjoloġija, il-Venerejoloġija u d-Dermatoloġija. Fl-aħħar sentejn tal-kors akkademiku, kien igħin lil ċertu Dr. Casolani fiċ-ċentru tal-Belt tal-"Pro Infantia".

Skond wieħed mill-istudenti sħabu, huwa "kien student ta' standard medju li dejjem issodisfa l-eżaminaturi, iżda qatt ma ġie l-ewwel. Iżda wara li sirna tobba, għamel korsijiet ta' mard tal-ġilda barra minn Malta, u bħala speċjalista f'dan il-qasam offra servizzi kbar lis-soċjeta' Maltija."

## "IL-ĦMARA"

Il-gazzetta ċajtiera "Il-Ħmara" li bdiet toħroġ nhar l-1 ta' Diċembru, 1926, laqtet l-attenzjoni tal-poeta sentejn wara. "Il-Ħmara", minkejja li riedet iddaħħak b'ċajt u b'taqbiliet, kellha wkoll kitbiet serji ta' bixra politika, xi drabi ħarxa, imxaqilba lejn il-partit tal-ħaddiema u Dr. Pawlu Boffa. Kienet teħodha sewwa kontra l-għedewwa ta' l-ilsien Malti u 'l quddiem saret għodda għaddifiża tal-lingwa u għat-tixrid ta' l-ortografija ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Biż-żmien bdew jiktbu fiha Ġuże' Pesci (1892-1960), Nikol Biancardi (1904-1969), Gino Muscat Azzopardi (1899- ), Juan Mamo, l-awtur tar-rumanz "Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika" (1930) u oħrajn, fosthom J. Buhagiar, is-Segretarju tax-"Xirka tal-Malti" li twaqqfet f'Settembru, 1933.

Fil-ħarġa tas-7 ta' April, 1928, fost il-poeżiji ċajtiera u bla ebda siwi letterarju li kienu jidhru f'dik il-gazzetta, Briffa xandar il-poeżija "Ħsieb" (O li kont sbejjaħ bħal m'hi sbejħa l-warda) li llum tinsab fil-ktieb tiegħu u hi msejħa "Xewqat". Aktarx minħabba x-xejriet politiċi qawwijin ta' dik il-ħabta, hu nħeba taħt il-psewdonimu "Ħmar Baċillir". Min-naħa ta' l-argument, il-poeżija tixhed li, kif kien stqarr hu nnifsu fuq linja ġenerali fil-kummentarju manuskritt "L-Iżvilupp tal-Letteratura Maltija" (1949), l-influwenza ta' John Keats kienet qawwija ħafna fuqu f'żgħożitu.

Fil-ħarġa tas-26 ta' Marzu, 1930, xandar "Sejħa" (Ġens Malti Qum! Irqadt, irqadt biżżejjed) taħt l-istess psewdonimu.

F'dik li hi fama poetika, "Il-Ħmara" ma għenitu xejn, ħlief b'din is-silta minn kitba ta' "W" dwar "Il-Poeżija tal-lum", imxandra fil-ħarġa tas-27 ta' Jannar, 1934, meta l-poeta, minħabba x-xogħol tiegħu ta' tabib, kien għoddu nqata' mill-pubbliċita' letterarja u daħal fih innifsu:

"Mirja ta' poeżija sabiħa wieħed jista' jsib fil-poeżija ta' Rosa io Briffa. Dan iż-żagħżugħ huwa wieħed minn dawk iż-żgħażagħ li ħassew f'qalbhom il-ġibda sabiex isebbħu huma wkoll bilgħana tagħhom il-letteratura ta' lsien art twelidhom. Dan iż-żagħżugħ ta eżempju kbir lil ħutu kollha li minflok ma wieħed għandu jintilef iżżejjed wara t-tiellix tal-letteraturi barranin, sewwa li wieħed jaħseb kieku l-ewwel għal-letteratura ta' l-ilsien tiegħu. Huwa għanna b'saħħtu kollha, b'qalbu kollha, bil-ħila tiegħu kollha. Għanna lil Malta, is-sbuħija tagħha, l-ilsien tagħha, il-kobor tan-nisel tagħha".

## IL-PRONOSTKU MALTI

Il-Pronostku Malti ("Pronostcu Malti — Almanacc ta' Malta u Għawdex għas-sena l-ġdida", bis-sensja tal-Knisja, Giov. Muscat — Malta) beda joħroġ fl-1893 u ntlaqa' tajjeb mill-ewwel bħala qari Malti ewlieni.

Minħabba n-nuqqas ta' okkażjonijiet ta' xandir li kellhom il-poeti, iżjed mill-bqija ta' l-awturi, f'dak iż-żmien, uħud kienu jinqdew bil-"Pronostku Malti" biex ixandru fih il-versi tagħhom. Nistgħu ngħidu li wħud mill-poeti, aktar tard, għamlu isem mhux biss bil-konkorsi tiegħu iżda wkoll bix-xandir tal-versi tagħhom fih minn sena għal oħra (eżempji: Nikol Biancardi, F.S. Caruana (1899-1971), Turu Vassallo (1911-1956), Karmenu Vassallo (1913- ), Ġuże' Pesci (1892-1960) u Briffa nnifsu). Fih kienu jidhru bosta taqbiliet bla ebda siwi letterarju, mibnijin fuq argumenti ħfief li jolqtu l-massa u jdaħħku. Għadd ta' qabbiela magħrufa, bħal Feliċ Buhagiar, V. Busuttil, Giov. Carabez, Salvu Agius u Gius. Arena, kienu jiktbu kważi kull sena. Iżda biż-żmien poeti serji bdew jagħtu każu wkoll u jiktbu fih. L-ewwel wieħed kien Dwardu Cachia (1858-1907) li fl-1901 xandar "Sfog ta' Miżżewġa", u iżjed tard xandar oħrajn.

Fl-1910 il-"Pronostku Malti" laqat l-attenzjoni ta' Ġuże' Muscat Azzopardi nnifsu u beda jikteb fih. Fl-1911 xandar "Ċajta", poeżija li llum hi magħrufa bl-isem ta' "Il-Muża". Muscat Azzopardi għamel snin sħaħ ixandar il-poeżiji tiegħu fih. Fl-1923 F.S. Caruana ppubblika "Tħarbix" u "Inħobb il-kwiet". Fl-1928 Dun Karm innifsu beda jikteb fih u beda bil-poeżija "Omm". L-editur deherlu li kellu jittratta lil Dun Karm aħjar mill-bqija tal-poeti li kienu kitbulu, u wara l-poeżija ġieb din in-nota: "Niż-żċ-għajr bill qalb lill Mons Prof. Don Carm Psaila D.D. li għoġbu jibagħad din il poesija tassew sabieħa". Fl-1929 Dun Karm reġa' xandar fih żewġ sunetti, "Nhar San Ġwann"

u "Mater Purissima". L-editur reġa' ħass li kellu jżid nota ta' tifħir: "Din is-sena wkoll, il- prof. Mons. C. Psaila għoġbu jibagħtilna daun iż-żeuġ ġawhriet ta' poeżija maltija; żeuġ sunetti maħdumin bis-sengħa u ħelwin daqs il-għasel tas-sagħtar. Fil-waqt li nagħaġġlu nippubblikaw daun is-sunetti, niżżu ħajr b'qalbna kollha lil Mons. Psaila u nitolbuh li jibqa' kull sena jagħnilna l-Pronostku Malti b'xi versi minn tiegħu."

Fl-1924, meta l-"Pronostku" beda jara li bis-saħħa tiegħu bdiet tiżdied il-kitba tal-poeżija bil-Malti, offra għall-ewwel darba premju ta' żewġ liri għall-aħjar poeżija, u premju ta' lira għall-poeżija ta' wara. L-ewwel premju ħadu "G.M." bis-saffika "Lill-Ħaddiem Malti", u t-tieni ħadu Giuse' Orlando bil-poeżija "Ħajja Mtertqa".

Mis-sena 1925, l-Almanakk beda jniedi konkors ta' poeżija bi premjijiet għar-rebbieħa. Dun Karm kien magħżul bħala eżaminatur, għad li mhux magħruf jekk kienx waħdu u jekk kienx dejjem. F'dik is-sena, l-ewwel premju ntrebaħ bis-saffika "Nofs in-nhar" ta' Dun Pietru Pawl Grima (1895-1932); it-tieni "Il-Kalandra u l-Apparell" ta' V. Mifsud Bonnici (1870-1929); it-tielet "Innu lil Malta Kalbiena" ta' Giovanni Azzopardi; ir-raba' "In-naħla" ta' C. Sant; il-ħames "O bandiera bajda u ħamra" ta' Gius. Arena; u s-sitt wieħed ġie Rużar Briffa bil-poeżija "Lacrymae Rerum" li l-poeta kitibha. San Ġiljan fis-16 ta' Awissu, 1924. Fil-ktieb "Poeżiji" li Briffa xandar fl-1960, fl-ordni kronoloġika tal-ktieb, din il-poeżija tqiegħdet ħażin mal-poeżiji ta' l-1930. Jiġifieri din il-poeżija trid titqiegħed sewwa sew fil-bidu tal-ktieb u trid titqies bħala l-ewwel xogħol tal-poeta, jiġifieri tiġi qabel "Ġens il-Malti" li ġġib id-data ta' l-1925 fil-manuskritt u hija l-ewwel kontribuzzjoni ta' Briffa lil "Il-Malti" (it-tielet ktieb, 1925). Fil-manuskritt id-data ta' "Lacrymae Rerum" hija nieqsa, iżda tidher fil-"Pronostku". Barra minn dan, nafu li kull poeżija tal-konkors kienet tkun miktuba għall-ħabta ta' nofs is-sena ta' qabel, minħabba li l-konkors kien jitħabbar fil-ġurnali bejn Ġunju u Awissu tas-sena ta' qabel.

Fil-konkors għall-1926, Briffa reġa' rebaħ is-sitt premju bil-poeżija "Tfajla Toħlomx", iddedikata "Lil W.G." u miktuba sena qabel. Fil-ħarġa ta' l-istess sena huwa xandar ukoll "Mater Dolorosa", wieħed mill-ftit sunetti li kiteb, iddedikat "lil Dun Alb. Pantalleresco" u miktub ukoll fl-1925.

Fl-1927, "Il-Għanja ta' l-Imħabba", iddedikata lil ħabibu "Giusi Bonnici" rebbħitu t-tieni premju. Fil-ktieb tiegħu "Poeżiji" jingħad li l-poeżija nkitbet fl-1927, iżda d-data trid timxi żgur b'sena lura, minħabba li kienet żgur ippreżentata qabel il-ħruġ tal-"Pronostku" fil-bidu tas-sena l-ġdida. Fl-istess sena Briffa wettaq il-ħbiberija tiegħu ma' F.S. Caruana bil-poeżija "Lil F.S. Caruana", u magħha żied din it-tagħrifa: "Il-ħabib tiegħi F.S. Caruana saqsieni, ftit ilu, jekk naħsibx li 'l quddiem għad nissokta nikteb poeżiji. Bi tweġiba ktibtlu dawn il-versi". Sewwa sew taħt din in-nota, id-direzzjoni tal-"Pronostku" xandret din it-tagħrifa: "Din ma ħaditx premju għax min kitibha ġa ħa premju b'poeżija lirika oħra". Fl-istess paġni Ġuże' Bonnici wettaq ukoll il-ħbiberija tiegħu ma' Briffa billi ddedika lilu saffika "Fuq Qabar Ommi" (aktarx il-poeżija waħdanija li qatt kiteb).

L-isbaħ sena għal Briffa poeta tal-"Pronostku" ġietu fl-1928 meta "Lil Ommi" (Benninni ħa norqod) rebbħitu l-ewwel premju. (Meta ftit żmien wara, fl-1934, il-Gvern ħareġ il-"Ġabra ta' Ward — Antoloġija Maltija għat-tfal ta' l-ogħla klassijiet tal-Gvern", l-ewwel ktieb, Briffa ġie rappreżentat b'din il-poeżija). It-tielet premju rebħu huwa wkoll bil-"Ballata" (Fil-ħemda tal-ġnejna dellija), imxandra bin-nom-de-plum "Spes". (Iż-żewġ poeżiji jġibu d-data ta' l-1928 fil-ktieb "Poeżiji" iżda, bħal fil-bqija li semmejt, id-data żgur trid tmur lura b'sena). F'dik il-ħarġa F.S. Caruana, li sikwit kien jinħeba taħt l-ittri "F.S.C." jew il-psewdonimi "Fosca" u "Foska", u li fil-konkors ta' dik is-sena rebaħ it-tieni premju b'"Il-Għanja ta' Ħajti", wieġeb bil-poeżija "Lil Rosario Briffa" (miktuba fit-18 ta' April, 1927) għall-ewwel poeżija ta' sieħbu mxandra s-sena ta' qabel.

Dwar il-ħbiberija kbira ta' bejn Caruana u Briffa, Patri Ġużeppi Delia, S.J. (manuskritt op. cit.) kiteb: "Dak iż-żmien kien hemm jikteb fil-Pronostku, fost l-oħrajn, Saver Caruana, li kien ħabib tal-qalb ta' Rużar Briffa. Dejjem kont tarahom flimkien għax it-tnejn kienu jaqblu fix-xejra ta' ħsebijiethom, qishom ħobża u sikkina". L-aqwa xhieda, madankollu, kitibha Caruana nnifsu f'manuskritt ta' tifkiriet li skond J.P. Vella, neputi ta' Caruana (ara 'Il-Malti", Marzu, 1971), instab fil-kexxun persunali wara li miet Caruana. Caruana ħalla miktub: "... jiena u l-ħabib tiegħi Rużar Briffa konna ħaddimna u tajna spinta 'l-poeżija lirika Maltija", u wkoll "Jiena u Rużar konna ħbieb sewwa u din il-ħbiberija jixhduha dawn iż-żewġ poeżiji li ktibna lil xulxin." Fil-poeżija, Caruana jgħid ċar u tond li huma kienu jaqblu f'kollox.

Bħala poeta, kif kien qiegħed iħoss ruħu Briffa? Is-sens ta' nuqqas ta' sigurta' poetika jista' jinħass fil-fatt li, fl-istess ħarġa tal-"Pronostku" ta' l-1928, huwa xandar il-poeżija l-oħra "Lil Ommi" (Omm, int le taf) bl-ittri żgħar "r.b.". Din ma kinitx l-ewwel darba li huwa nħeba bħala awtur ta' versi jew xi reċensjoni. Biex insemmi xi eżempji, ngħid li f'"Leħen il-Malti" ta' Ġunju, 1932, taħt "Dawl Ħanin Mexxini" huwa ffirma "Rob", kif għamel ukoll taħt "Mill-Ġdid Poeta" ('L.M.", Awissu, 1932) u 'Għanja" ("L.M.", Frar, 1933). F'"Il-Malti" ta' Ġunju, 1932, taħt ir-reċensjoni għall-"Weraq mar-riħ" ta' Ninu Cremona ffirma biss "Rużar".

F'dik il-ħabta fil-"Pronostku" xi ħadd beda jiffirma l-poeżiji tiegħu bl-ittri kbar "R.B.". Aktarx li xi qarrejja bdew jaħsbu li dan kien Rużar Briffa; aktarx ukoll li l-poeta nnifsu ma riedx li dawk l-ittri kbar jitqiesu bħala l-ittri ta' ismu. Fil-"Leħen is-Sewwa" tat-3 ta' Novembru, 1928, l-editur xandar din in-nota: "il-ġimgħa l-oħra weġibna lil R.B.· Dan R.B., mhux l-istudent Rosario

Briffa B.Sc., għad li l-inizjali huma tiegħu. Sa fejn nafu aħna l-istudent Briffa meta jiffirma bl-inizjali jġib "r.b." għad li lilna qatt ma tana xejn. Paċenzja... nistennew."

Dan il-kliem juri li Briffa kien sar magħruf ġmielu u li aktarx kiteb lill-editur biex jiċċara dan il-punt. Bħala tweġiba għall-aħħar kumment tan-nota editorjali ta' "Leħen is-Sewwa", Briffa xandar il-poeżija "Poppies" (Chemm ħmajra minn ġufec, ja Fjandra) fil-ġurnal imsemmi ta' l-10 ta' Novembru, 1928, jiġifieri l-ewwel ħarġa li kien imiss. Fil-volum "Poeżiji", "Poppies" iġġib id-data ħażina ta' l-10 ta' Novembru, 1938 (għaxar snin wara). F'din l-aħħar data, terġa', Briffa kien jinsab fl-Indja, jitħarreġ u jaħdem fost il-morda. Dan, bħal żbalji oħrajn tad-dati, juri li, minkejja l-ordni kronoloġika tal-poeżiji fil-ktieb tiegħu, Briffa, bħal bosta poeti oħra (fosthom Dun Karm) ma kienx eżatt fid-dati tal-versi tiegħu.

F'"Leħen is-Sewwa" ma jidhirlix li hu xandar poeżiji oħrajn, ħlief "Marija Damaxxena" — warda wisq mixtieqa" (24 ta' Ottubru, 1931). F'dawk is-snin uħud mill-poeti Maltin bdew jiktbu wkoll fil-ġurnal, bħal Anastasju Cuschieri (taħt il-firma "Carm", 29/9/28), Dun Karm (17/11/28), G. Delia (1/12/28) u oħrajn.

Nerġa' għall-"Pronostku Malti". Fil-konkors ta' l-1930, meta Ġużeppi Delia rebaħ l-ewwel premju bl-eleġija "Tiftakar?", Briffa rebaħ it-tielet b'"Wieħed biss", iddedikata "lil Dun Karm, poeta". Fil-"Malti" ta' Ġunju ta' dik is-sena, il-poeta nazzjonali wieġbu b'"Waħda biss", iddedikata "lil Rużar Briffa, poeta, li kiteb 'Wieħed biss'."

Is-sena 1931 reġgħet rebbħitu l-ewwel premju tal-konkors bil-poeżija "Il-Għid tal-Maħfra". Warajha hemm nota ta' tifsir li, kemm mis-sens tagħha u kemm mill-istil lingwistiku, tidher li nkitbet mill-poeta nnifsu: "Il-lum għalkemm l-insara baqgħu insara u l-misilmin baqgħu misilmin, il-mibegħda bejniethom inqatgħet. Fuq ix-xtut ta' l-Afrika tan-Nord: f'Tunes, fl-Alġier, eċċ, il-Malti huwa wisq miġjub mill-mislem u spalla bi spalla miegħu jaħdem ħalli jaqla' l-ħobża ta' kuljum. Għalhekk il-fakra tas-Sebgħa ta' Settembru għandha tkun għalina fakra ta' rebħ, iva, imma le ta' mibegħda". Inqis din l-istqarrija, flimkien mal-poeżija stess, bħala importanti mhux biss għall-apprezzament tal-karattru ġwejjed ta' Briffa bħala bniedem u bħala poeta, iżda wkoll bħala għodda ta' kuntrast karatteristiku u ewlieni bejnu u bejn Dun Karm li, minkejja li kien ħabib tiegħu u jidher li kien jistmah sewwa bħala poeta, ma kienx jittratta l-ġrajja ta' Malta bis-sens storiku modest u oġġettiv ta' Briffa, iżda aktarx bi kburija u xi drabi b'sens ta' vendetta nazzjonali.

L-influwenza poetika tiegħu tinħass saħansitra fl-istess konkors. Il-ħames premju tal-"Pronostku" ta' l-1931 intrebaħ minn "Maleth" bil-poeżija "Ballata" (Fuq xtajta ramlija jum wieħed). Taħt il-poeżija, id-direzzjoni żiedet din in-nota:

"Copia precisa tal "Ballata" ta' Ros. Briffa ("Spes"), li ħadet premiu fil Concors tal-Pronostcu ta tliet snin ilu. Mindu ħarġet fil "Pronostcu" dic il "Ballata" tasseu sabieħa ta' "Spes", rajna tliet chittieba oħra jiccupjawha (Patri Prosperu M. Costa, Fra Alipiu Capp., u "Maleth"). Jidher li intgħoġbot. Sa chemm il-Pronostcu jservi biex iħajjar il chittieba maltin biex jicktbu l-poeżija, u mill-aħiar poezia, collox seuua; iżda fuk din il-biċċa irridu nosservau, li dawn il chittieba kassmu il versi u is-sens tal ballata tagħhom għal kollox fuq dik ta "Spes", il ballata tista' u għanda tcun imkassma b'versi ta gost u b'soggetti differenti. Mill bkija l-versi tal Ballata ta "Maleth" huma mill aħiar. Il chittieb għelech ħakku incoraggiment."

Fil-fatt hemm xebh mhux żgħir bejn il-ballata ta' 'Maleth" u dik ta' Briffa, imxandra fl-1928. Aktar tard il-ballata bħala ġeneru letterarju qabdet ġmielha fost poeti Maltin. Il-ballata kienet għadha nieqsa sew fil-letteratura Maltija, u aktarx li ma kienx hawn waħda magħrufa ħlief "Katrin ta' l-Imdina" ta' Dwardu Cachia, aktarx miktuba fl-aħħar ftit snin tas-seklu l-ieħor, iżda żgur li wara l-ħruġ ta' "Taqbil bil-Malti ta' Dwardu Cachia" (Malta, 1886). L-influwenza ta' Briffa, bħala awtur ta' ballati, li fil-ħarġa ewlenija ta' "Leħen il-Malti" (Marzu, 1931) kien diġà' xandar il-Ballata "Kull fl-għaxija x'ħin id-dalma", nistgħu ngħidu li ħolqot kuxjenza b'risq il-kitba u n-nuqqas ta' dan il-ġeneru fil-poeżija Maltija. Fil-fatt, fl-1943 l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti nidiet konkors għall-ballati biss li ntrebaħ minn Karmenu Vassallo fl-ewwel it-tieni u t-tielet post. Fil-kummenti ta' wara l-ħruġ tar-riżultat, id-direzzjoni ta' "Il-Malti" qalet: "Ftit wisq kienu dawk il-poeti li marru jimirħu fl-oqsma kollha tal-Mużi u xorbu min-nixxigħat kollha ta' Kastalja... Kull min iħobb il-letteratura tagħna kien jixtieq li jaraha mżejna b'aktar ballati u b'dan il-ħsieb tnieda l-konkors......". Hija ħaġa ċara li Briffa huwa msemmi indirettament f'dawn il-kummenti, u wieħed jista' jaħseb li hu ma ntgħażilx bħala wieħed mill-eżaminaturi (li kienu Dun Karm, Ninu Cremona u G. Zarb Adami) biex ikun jista' jieħu sehem. Iżda mill-1931 meta kiteb il-ballata "Kull fl-għaxija x'ħin id-dalma" sa l-1943, żmien il-konkors, hu ma kitibx ballata waħda. Kien sena wara r-riżultat tal-konkors, fil-15 ta' Lulju, 1945, li kiteb il-ballata "Traġedja".

L-influwenza naturali ta' Briffa, mhux biss għall-ballata iżda għal kull tip ta' poeżija li kiteb, bdiet tinħass mingħajr u qabel ma xandar il-poeżiji tiegħu fi ktieb. Għalkemm wara l-1931 ma ħa sehem f'ebda konkors ieħor, l-għarfien beda jingħatalu minn bosta awturi. Il-poeżija ta' Henry L. Calleja "Fil-mewt ta' missieri" (ara "Pronostku Malti", 1933) hi ddedikata "Lill Dr Ros. Briffa M.D. li jaksam ħsiebi", u l-poeżija "Armla" ta' "Lumzavas" (li kien Karmenu Vassallo), imxandra fl-istess ħarġa, hi ddedikata wkoll "Lit-tabib Ros. Briffa, poeta". Fl-almanakk tas-sena ta' wara, il-ħames poeżija rebbieħa, "Ward u Xewk" ta' "Qalb Maltija" hi ddedikata "Lit-tabib R. Briffa, ħabib ta' tfuliti". Ta' min isemmi li l-argumenti ta' dawn il-poeżiji huma lkoll ta' niket, u

jixhdu influwenza ta' Briffa. Dan ifisser li Briffa mhux biss kien meqjum bħala poeta tajjeb, iżda kien miżmum bħala poeta malinkoniku.

Minkejja li minn dak iż-żmien 'il quddiem, huwa ma baqax jikteb fil-"Pronostku Malti", u ismu rari kien jissemma fih, l-almanakk kien swielu biżżejjed biex jibni isem bħala poeta mill-aħjar tal-ġenerazzjoni tiegħu. Fuq kollox, b'dawn ir-rebħiet tnisslet fih il-ħeġġa għall-poeżija ta' wara. Delia (manuskritt op.cit.) kiteb: "Kien hemm żmien meta t-tnejn konna niktbu fil-"Pronostku Malti" ta' Muscat... Dak iż-żmien kien hemm fih aktar entużjażmu u kien jurih meta kien ikellimni fuq xi poeżija tiegħu li kien għadu kif bagħat għall-konkors tal-Pronostku."

Għaliex Briffa, waqt li baqa' jikteb, ma ħax sehem aktar fil-konkorsi tal-"Pronostku"? It-tweġiba tista' tkun marbuta mal-fatt li Ġ. Muscat, snin wara, ma riedx jissokta jniedi dan il-konkors, għaliex kull darba li joħroġ ir-riżultat kien ikollu l-inkwiet bil-protesti li kienu jagħmlulu ħafna minn dawk li kienu jippretendu li jirbħu xi premju. U b'hekk intemm konkors li laħaq intrabat ma' wħud mill-aqwa poeżiji Maltin.

## L-GĦAQDA: QABEL IT-TWELID

L-ewwel xaqq dawl li juri li l-ħsieb tat-twaqqif ta' għaqda letterarja kien ilu xi snin f'moħħ Rużar Briffa, kif ukoll l-ewwel sehem letterarju mxandar mill-istess grupp ta' studenti li 'l quddiem kellhom jingħaqdu aħjar, jinsabu fil-ħarġa ta' "Il-Malti" (Qari li toħroġ il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti) li ssemmiet "żjieda għas-sena 1926".

L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (illum l-Akkademja) twaqqfet f'laqgħa li saret fiċ-Ċirklu ta' l-Unjoni Kattolika "San Ġużepp", 266, Triq San Pawl, il-Belt Valletta, nhar il-Ħadd, 14 ta' Novembru, 1920 (għalkemm l-ewwel statut sar fl-1921). Minn Marzu ta' l-1925, l-Għaqda tal-Kittieba bdiet toħroġ "Il-Malti", rivista letterarja ta' kull tliet xhur.

Il-ħarġa żejda ta' l-aħħar tas-sena ta' "Il-Malti" ta' l-1926 ngħatat lill-istudenti universitarji biex iżewquha b'xogħlijiet letterarji tagħhom biss. Ġuże' Muscat Azzopardi, f'nota li ġġib id-data ta' l-aħħar tas-sena, kiteb dan li ġej:

"Dan il-għadd ta' "Il-Malti" hu miktub minn żgħażagħ studenti ta' l-universita' tagħna — żgħażagħ magħrufin biżżejjed għall-ħeġġa u l-imħabba għal dak li jġib l-isem maħbub ta' Malti. U l-ħruġ tiegħu wkoll ħallejnieh f'idejn wieħed minnhom — is-Sur R. Briffa — biex ikun kollox tagħhom għad li jġib l-isem ta' 'Il-Malti' u għalhekk għandu jintrabat ma' sħabu biex jagħlaq it-tieni sena.

Mela, fil-ħin li nizzu ħajr u nqawwu qalb dawn iż-żgħażagħ studenti, nitolbu lill-qarrejja ta' 'Il-Malti' li jiqgħu dan il-ktieb bħala ġawhra żgħira fil-kuruna letterarja ta' ras il-għażiża Malta tagħna."

Wara dik in-nota editorjali tad-direttur tar-rivista, hemm tweġiba qasira, bid-data ta' l-aħħar tas-sena wkoll, miktuba minn Rosario Briffa li ftit qabel, fis-17 ta' Ottubru, 1926, kien issieħeb mal-membri akkademiċi ewlenin ta' l-Għaqda tal-Kittieba. Briffa kiteb dan li ġej:

"Niżżu ħajr lill-'Għaqda tal-Kittieba tal-Malti' talli għoġobha tifiħilna bwiebha biex tħallina nuru għerina f'darha; lill-Prof. Thos. Agius, M.A., M.D., F.R.Met.Soc., Rettur ta' l-Universita', talli ħalliena nżewqu dan il-ktieb żgħir bl-arma ta' l-universita', u fl-aħħarnett lil dawk kollha li għenuna biex għaqqadna dan il-għadd ta' 'Il-Malti'."

F'dik il-ħarġa, Rużar Briffa xandar żewġ poeżiji: "Xebh", iddedikata lil F.S. Caruana, fundatur u l-ewwel segretarju ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (1920-1939), u miktuba fl-1 ta' Novembru, 1926, u "Epithalamion" li ġġib id-data tal-15 ta' Jannar, 1927, u li turi li l-ħarġa dehret fil-bidu tas-sena l-ġdida, għalkemm iġġib id-data tas-sena ta' qabel. Flimkien ma' Briffa, kitbu wkoll Ferd. Calleja, G. Galea, Carmelo Cassar, Ġuże' Bonnici, J.P. Vassallo, C. Vassallo u Walter Fava.

## IL-BIDU

L-aqwa dokument (li sakemm qiegħed nikteb baqa' minsi fost il-manuskritti li ħalla warajh il-poeta) dwar it-twaqqif ta' l-"Għaqda tal-Malti — Universita'" u l-iżjed dwar is-sehem bikri ta' Briffa nnifsu, huwa kummentarju twil li huwa kiteb bl-isem "L-Iżvilupp tal-Letteratura Maltija".


L-Iżvilupp tal-Letteratura Maltija

Is-silta mill-manuskritt tat-taħdita "L-Iżvilupp tal-Letteratura Maltija" li l-poeta għamel fl-1949, fejn juri kif ġieh il-ħsieb li jwaqqaf l-Għaqda tal-Malti (Universita') fl-1931.

Jidher li Briffa kellu fehma li jtawwal jew ibiddel dan il-kummentarju, minħabba li barra dan jeżisti ieħor, kopja ewlenija tiegħu, bi ftit tibdil u mhux mitmum. Dan il-kummentarju — miktub bi stil ta' djarju, iżjed milli ta' taħdita — jġib fl-aħħar id-data ta' l-14 ta' Marzu, 1949, bil-firma ta' Briffa. Dan kien diskors li sar aktarx f'laqgħa letterarja mnedija mill-"Għaqda tal-Malti — Universita' "; skond ir-"Report on the Working of the Royal University of Malta" (1949-50) Briffa kien instema' jaqrah minn fuq ir-Rediffusion.

L-ewwel paragrafu jagħti ħjiel dwar kif nibet il-ħsieb ta' l-Għaqda: "Fiż-żgħożija tiegħi kont immur nistudja fil-ġnien ta' Hastings mal-ħabib tiegħi Ġużè' Bonnici. Fl-1931 kien beda riesaq sewwa l-eżami tal-lawrja u moħħna kien ġmielu għajjien bl-istudju. Għalhekk wara li konna nagħlqu l-kotba, erħilna biex inbiddlu naqbdu taħdit fuq il-letteratura. Ġużè' Bonnici kien miġnun fuq ir-rumanzi u n-novelli Taljani, jiena fuq il-poeżija ta' Keats u ta' D'Annunzio. Darba biex jiċċajta Ġużè' qalli: 'Qisna xi żewġ membri ta' l-Arkadja jiddiskutu fuq il-letteratura ġewwa ġnien." U jien weġibt "Għaliex ma nagħmlux għaqda letterarja ġo l-universita', qabel ma nitilqu minn hemm?" U hekk twieldet din il-għaqda tagħna li llum stednitni biex nitħaddet fuq l-iżvilupp tal-letteratura Maltija. Qatt biss ma ħlomna li din il-għaqda biż-żmien ser tikber daqshekk li ssir wieħed mill-aqwa movimenti kulturali tal-gżira tagħna. Tistgħu tobsru jekk illum inħossnix ferħan u mkabbar li nidher quddiemkom u li nerġa' ntenni dak li għidt tmintax-il sena ilu: Aħna ma aħniex għaqda pulitka imma għaqda kulturali biss."

L-ewwel għadd ta' "Leħen il-Malti" (maħruġ mill-Għaqda tal-Malti–Universita'), stampat fl-Empire Press, 266, Triq San Pawl, il-Belt (fejn kien mitbugħ ukoll l-organu ta' l-Għaqda tal-Kittieba u l-biċċa l-kbira tal-kotba Maltin) ħareġ f'Marzu, 1931 u kellha ssir it-tieni edizzjoni minħabba li nbiegħ malajr, bħalma ġara wkoll fil-ħruġ tat-tieni għadd. Id-diretturi, skond kif deher stampat taħt isem ir-rivista, kienu Ros. Briffa B.Sc., u Ġużè' Bonnici, B.Sc. Il-'Kelmtejn ta' Qabel', miktuba minnhom, jixhdu idejiet li huma marbutin mat-tnejn, waqt li jixħtu dawl ċar ħafna fuq il-karattru ta' Briffa:

"Kienet ħaġa wisq xierqa li l-istudenti ta' l-Universita' tagħna jieħdu sehem fix-xejra ġdida li qiegħed jieħu l-Malti bħala lsien letterarju.

Minn mindu l-Prof. G.A. Vassallo, li kien igħallem it-Taljan fl-Universita', ħa f'idejh il-Malti u għall-ewwel darba kitbu tajjeb, sabiħ u rżin, tħajru jagħmlu bħalu nies oħra ta' għerf kbir fl-ilsna barranin bħal G. Muscat Azzopardi, P.L., Mons. C. Psaila, Prof. A. Cuschieri u Dr. C. Mifsud Bonnici.

Għalhekk kien jixraq li fejn jimxu l-kbar jimxu wkoll iż-żgħar. B'dan il-ħsieb ser jibda joħroġ dan il-'Leħen il-Malti'. Ser jitħabat u jgħin kemm jista' biex il-Malti jkollu letteratura li tixraqlu. Xejn iżjed u xejn anqas.

Intom tafu kemm ingħoġob dak il-għadd barrani li l-'Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" kienet ħarġet minn qalb l-istudenti. Sa minn barra minn Malta bagħtu jfaħħruna. Ma hemmx għaliex ma jirnexxix ukoll dan il-'Leħen'.

Il-kittieba ser ikunu gradwati u studenti biss. Mhux għax kieku ma nixtiqux li nies oħra jiktbulna, imma aħna ma rridu nidħlu fl-għalqa ta' ħadd. 'Il-Malti' li toħroġ il-'Għaqda tal-Kittieba tal-Malti' għadu ħaj u miexi ġmielu u ma beħsibniex nisirqulu xejn minn ħajtu. Ikun dnub kbir li ħadd ma jaħfirulna.

U fl-aħħarnett tajjeb li tkunu tafu li aħna għamilna wegħda sħiħa li fil-Pulitika ma nindaħlu xejn u xejn.

Aħna nħobbu ma' kulħadd u għedewwa ta' ħadd.

Mela hu dmir tagħkom li tgħinuna."

Dan l-editorjal storiku għandu bosta tifsiriet. L-ewwel, iż-żewġ edituri qalu li kien G.A. Vassallo li kiteb il-Malti tajjeb għall-ewwel darba. Jidhirli li Vassallo kien l-ewwel kittieb Malti li qatt ħareġ mill-universita'. Din il-fehma ta' ħtieġa ta' edukazzjoni universitarja għall-kittieba tal-Malti tidher mhux biss fit-twaqqif ta' l-Għaqda sewwa sew għall-istudenti biss, iżda wkoll fl-ismijiet imsemmija fl-editorjal. Huma lkoll (barra Dun Karm li ma kienx gradwat, għalkemm kien magħdud bħala professur) ulied l-universita'.

Jidher sewwa li kulħadd kien iħares lejn l-għan ta' din l-għaqda ġdida bħala moviment Malti fl-Universita', jiġifieri sforz biex il-lingwa tingħata bixra professjonali. L-istess ideja kitibha wkoll I.M.A. (Ivo Muscat Azzopardi) f'silta meħuda minn kitba tiegħu f'"Il-Malti' (Jannar, 1944) li kien ħareġ biex ifakkar it-twaqqif ta' "Il-Qawmien Malti" (Għaqda tal-Maltin tad-Dinja Kollha). Muscat Azzopardi, li kien Lixandra dik il-ħabta, kiteb dan: "......dawk li kienu qed jaqbżu għalih u jiktbu tajjeb bih (il-Malti) kienu dawk li f'ilsna oħra — Ingliż, Taljan, eċċ. — u materji oħra kienu minn ta' l-ewwel. Ġużè' Bonnici u Rużar Briffa (tnejn mill-aħjar fil-kors, it-tnejn baċillieri fix-Xjenza u li wara t-tnejn laħqu tobba) kienu ż-żewġ studenti li bdew dan il-moviment u waqqfu "Leħen il-Malti" u fetħu għalhekk it-triq biex sħabhom ta' l-Universita' jibdew jinteressaw ruħhom fil-letteratura ta' l-ilsien Malti. Is-suċċess kien kbir..."

L-istess fehma ta' livell għoli, marbut ma' edukazzjoni universitarja, terġa' tidher fl-editorjal ewlieni fil-kliem "ser jitħabat u jgħin kemm jista' biex il-Malti jkollu letteratura li tixraqlu." U aktar 'l isfel hemm miktub li l-kittieba tar-rivista kellhom ikunu gradwati u studenti biss. Aktar tard ġraw każijiet fejn kittieba żgħażagħ li ma kinux studenti bagħtu xogħlijiet li ma ġewx milqugħa. (Ngħidu aħna, Karmenu Vassallo, għax bagħat xi poeżiji għar-rivista, kien irċieva ittra iebsa bl-Ingliż (17/5/1937) minn Ġużè' Aquilina b'dal-kliem: "The 'Leħen' is first and foremost a students' paper and our columns are open to those outsiders that can produce good stuff and can play the game"; għalkemm dal-kliem ma jaqbel xejn mal-ħlewwa ta' Briffa, juri li l-livell għoli kien

l-idejal).

Fehma oħra importanti f'dan l-editorjal hija l-wegħda li ma jsir ebda ndħil fil-pulitika. Dik hija l-istess fehma li fisser Ġuże' Muscat Azzopardi fl-ewwel faċċata ta' l-ewwel ħarġa ta' 'Il-Ħabib' (il-Ħamis, l-1 ta' Frar, 1912): "Il-pichi ta bejn cull xorta ta partiti ma igħoddux għalih". L-istess fehmiet kienu jinħassu sikwit fl-editorjal ta' 'Il-Malti'. Fl-editorjal ta' Marzu, 1934, Dun Karm, id-direttur tiegħu, fakkar x'kien qal Ġuże' Muscat Azzopardi fil-ħarġa ewlenija tar-rivista: "Dan il-ktieb ma għandux x'jaqsam ma' Partiti la ta' Pulitka u anqas ta' festi, ta' baned, ta' logħob u praspar oħra. Il-kittieba ta' kull lewn u ta' kull bixra merħba bihom kollha; imma qabel ma jirfsu l-għatba ta' darna, iridu jinżgħu kull ġibda li titbiegħed minn ħsiebna... Nixtiequ ndaħħlu fi rjus l-għedewwa tagħna — jew, ingħidu aħjar, fi rjus dawk li qatt ma riedu jafu bina — li aħna la nifirħu meta naraw lil xi wħud jinqdew bil-Malti għall-ħsibijiet tal-pulitka tagħhom, u anqas..."

Dan kollu influwenza ħafna l-fehmiet ta' Briffa u Bonnici li ma riedu jinfirdu b'ebda mod mill-fehmiet tal-kittieba l-qodma u l-Għaqda tal-Kittieba. Fil-fatt, fl-editorjal ta' 'Il-Malti' ta' Marzu, 1931, Dun Karm kiteb bil-ferħa:

"...ġrat ħaġa li għamlitilna qalb ta' sur, mhux biss il-għaliex żiditilna fil-għadd ta' l-imseħbin, imma għaliex din il-ħaġa fit-tiswir tagħha, fil-fehma tagħha, bil-ħidma u bil-frott li tista' tagħti, rifdet hekk tajjeb il-fehmiet u x-xogħol ta' din il-Għaqda tagħna, illi għal ħafna snin oħra nistgħu ngħidu li ma hemmx biża' li tiġġarraf.

Bejn l-istudenti ta' l-Universita' twaqqfet xirka li ħadet l-isem ta' 'Għaqda tal-Malti — Universita'. Il-għan ta' din il-għaqda hu 'kulturali' biss, jiġifieri li xxerred fost il-poplu Malti t-tagħlim ta' dawk il-ħwejjeġ l-aktar meħtieġa u l-aktar sbieħ li fil-mixja taż-żmien ix-Xjenza sabet, l-Arti żejnet u s-Sengħa ħadmet għall-bżonnijiet tal-ħajja."

F'dak iż-żmien, 'Il-Malti' kien jagħmel sikwit sejħiet lill-awturi u lill-edituri tal-ġurnali u r-rivisti biex jiktbu bl-ortografija l-ġdida "ta' l-Għaqda", kif kienet magħrufa. It-twaqqif ta' alfabett u ta' ortografija waħda kien l-għan ewlieni li għalih F.S. Caruana (1899-1971) kien sejjaħ l-ewwel laqgħa ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti minn fuq il-ġurnal 'Il-Ħabib': "Nixtieq inlakka' 'Għakda għal l-Citba Maltija' b'daun iż-żewġ fehmiet ewlenin; (1) Li iġagħal il-chittieba collha tal-Malti jżommu ortografija uaħda, skond ma takta' hi: (2) Li tkajjem u ixxerred il-citba tajjba bil malti" (ara 'Il-Ħabib', it-Tlieta, 21 ta' Settembru, 1920). U fil-laqgħa ewlenija li saret fl-14 ta' Novembru, nħatar kumitat li għażel kummissjoni ta' ħamsa biex fi żmien tliet xhur jagħtu bil-miktub il-fehma tagħhom dwar l-alfabett u l-ortografija tal-Malti. Dan l-istudju ħa sentejn żmien, u wara sbatax-il laqgħa, il-kummissjoni (magħmula minn Mons. P. Galea, Dun Karm, Ninu Cremona, P.F. Bellanti u F.S. Caruana) ħejjiet alfabett u ortografija għall-ilsien Malti u bl-għajnuna tal-Gvern ta' dak iż-żmien, ix-xogħol tal-kummissjoni deher stampat fl-1924 bl-isem "Tagħrif fuq il-Kitba Maltija".

Kemm minħabba r-rabta li Briffa laħaq kellu ma' Ġuże' Muscat Azzopardi, li mbagħad miet fl-4 ta' Awissu, 1927, u kemm minħabba li fil-kumitat il-ġdid li nħatar wara mewtu fid-9 ta' Ġunju, 1928, Rużar Briffa kien wieħed mill-membri, huwa mhux biss ma setax ifixkel il-ħidma tal-kittieba l-qodma, iżda ried igħin. Fuq kollox, kien hemm il-ħbiberija tiegħu ma' Caruana, kif se naraw. Fil-fatt, laqa' l-alfabett u l-ortografija l-ġdida, u fl-editorjal imsemmi Dun Karm seta' jikteb ukoll:

"(Leħen il-Malti)...... għażlet għall-kitba tagħha l-alfabett u l-ortografija ta' l-Għaqda tagħna; u dan ifisser illi għoxrin jew tletin żagħżugħ illi jħobbu l-Malti, u jixtiequ jkattru, jorqmu u jsaħħu l-letteratura Maltija, ħasbu illi, jekk iridu jlibbsu kif jixraq il-ħsibijiet tagħhom u dak li tħoss u tħobb il-qalb, jaqblilhom jinqdew b'dik il-libsa li fasslet u ħejjiet il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti."

Iżda forsi l-aqwa kumment ta' l-editorjal imsemmi ta' 'Il-Malti' jinsab f'din it-tifħira, tifħira minn Dun Karm li ma kienx iħobb ifaħħar poeti bħalu, l-iżjed żgħażagħ, kif ġieb u laħaq: "minn għand żgħażagħ bħal dawn tistenna kitba tajba u fejjieda bil-kotra, l-aktar meta fosthom jinsabu kittieba magħrufa li tawna eżempji ta' poeżija bnina u proża ħafifa u mexxejja li tixtieq ikollok minnha qatigħ." Fost il-ġemgħa universitarja ma kien hemm ħadd ħlief Rużar Briffa li kien jikteb din il-"poeżija bnina", għad li hu kien għadu fil-bidu għaliex kien beda jikteb fl-1924, beda jxandar fl-1925 fil-"Pronostku Malti", u sa dak in-nhar ma kienx kiteb aktar minn wieħed u tletin poeżija li minnhom kien xandar (b'ismu jew bi psewdonimu) għadd żgħir.

## IT-TWAQQIF

Fid-19 ta' Jannar, 1931, Briffa kiteb ittra bl-Ingliż (minħabba li l-ilsien uffiċjali ta' l-universita' kien l-Ingliż biss) lis-segretarju tar-rettur ta' l-universita' biex jitolbu l-permess biex l-Għaqda tiltaqa' f'xi waħda mis-swali ta' l-universita'. Id-data ta' l-ewwel laqgħa kienet it-Tnejn, 26 ta' Jannar, 1931, fl-erbgħa ta' wara nofs in-nhar. Briffa talab ukoll li r-rettur, il-Professur Thomas Agius, ikun preżenti għal-laqgħa ta' l-Għaqda. Fit-22 ta' Jannar, is-segretarju tar-rettur, Ġorġ Grima, wieġbu b'din l-ittra:

'I beg to acknowledge the receipt of your letter of the 19th instant, and to inform you, in reply, that the rector has no objection to the society in question being allowed to hold its meetings in one of the university halls as desired.

The rector desires me to inform you that he regrets to be unable to preside over the meetings but that he shall be very pleased to attend at some future meeting when practicable."

(Ta' min isemmi li fil-laqgħa ewlenija tas-"Societa' Universitaria di Letteratura Italiana" li saret fit-12 ta' Marzu, 1932, ir-rettur kien attenda

— ara "La Brigata", Frar-Marzu, 1932. Il-Malti ma kienx wieħed mis-suġġetti tat-tagħlim universitarju, u l-katedra twaqqfet aktar tard fl-1937).

L-ewwel kumitat kien imsawwar hekk: Rużar Briffa, B.Sc., president; Ġuże' Bonnici, B.Sc., segretarju; Anthony J. Mamo, B.A. (illum l ewwel gvernatur ġenerali Malti), kaxxier; F.J. Cauchi, B.Sc., W.L. Fava, Ph.C., u M.L. Sammut, B.Sc., ilkoll membri. Ta' min jinnota li kważi lkoll kienu studenti mill-fakulta' tax-xjenza, punt li jista' jfisser li l-istudenti ta' l-arti aktarx li kienu għadhom ma bdewx jħobbu s-siwi tal-Malti.

Fl ewwel laqgħa, kien mistieden Dun Karm li qara l-poeżija tiegħu "Warda li tgħid ġrajjietha"; W.L. Fava qara "Ċensa u ċ-Cine", novella ta' Temi Zammit; Briffa qara "Ballata III" (Kull flgħaxija x'ħin id-dalma" — imxandra wkoll flewwel għadd ta' 'Leħen il-Malti'); Ġuże' Bonnici qara novella tiegħu "Ġenn"; Anton Buttigieg qara żewġ poeżiji tiegħu "Ix-xogħol" u "Il-Warda"; u Arturu Valenzia qara traduzzjoni ta' novella Taljana ta' Annie Vivanti.

Biex jinġabru l-flus għall-ħruġ tar-rivista, flistatut tniżżel li kull membru kellu jħallas sold fix-xahar. Iżda mbagħad kien hemm għadd ta' sostenituri li ntrabtu li jagħtu xi ħaġa fix-xahar biex tkun tista' toħroġ ir-rivista. Fosthom kien hemm xi professuri ta' l-universita', bħal O. Fogarty.

Is-sens ta' rabta ta' Briffa u sħabu kien jidher bħala dejn ta' ħbieb jew ulied f'għajnejn l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Dan il-paternaliżmu jinħass f'din in-nota dwar l-ewwel għadd ta' "Leħen il Malti": "...fost l-ismijiet hemm dawk ta' l-aħjar kittieba tal-Malti. Iżda mhux dan biss; fost il-kittieba ħadna pjaċir naraw ismijiet ġodda, u din il-ħaġa ttina gost doppju, għax ittina tama qawwija li 'l quddiem il-letteratura Maltija ssib min itellagħha 'l fuq; u dan, mhux biex niftaħru, ikun frott ta' ħidma ċkejkna tagħna; għax din kienet il-fehma tagħna meta waqqafna l-Għaqda tal-Kjttieba tal-Malti" ('Il-Malti', Ġunju, 1931).

Fil-ħarġa ta' l-istess rivista ta' Ġunju, 1935, Dun Karm reġa' tkellem iżjed ċar: "Il-Għaqda... nisslet għaqda oħra ta' kittieba żgħażagħ, qalbenin, ferriħin, għaqlin; żgħażagħ ta' l-universita'; u ma' din l-għaqda twieldet rivista oħra: "Leħen il-Malti", fejn minn tliet snin 'l hawn, bosta kittieba, fil-ftuħ ta' ħajjithom fissru, issa bi proża ħafifa u issa b'versi mexxejja u ħelwin, il-fehmiet tagħhom, il-ħsibijiet tagħhom, ix-xewqat u t-tqanqil ta' qalbhom.

## TLIET GĦAJTIET FL-UNIVERSITA'

Waqt li fuq naħa kien hemm Briffa u sħabu jisħqu li m'għandhiex tidħol pulitka, bħalma kienu ilhom igħidu l-kittieba l-qodma mill-1920, fuq innaħa l-oħra dawk li kienu jridu r-rebħa tat-Taljan kienu qegħdin ixandru l-istess fehmiet, u l-qofol ta' kollox kien jinsab fl-argument tal-latinita' tradizzjonali tal-gżira. Sa dak iż-żmien it-taqbida tal-Malti kienet biss fl-idejn ta' kittieba li, kellhom kemm kellhom ħila u rieda tajba, ma setgħux jidħlu jew isemmgħu leħinhom fl-universita'. Jiġifieri setgħu jitqiesu — bla ġustizzja — bħala dilettanti, kif ġie li ġew imsejħa fil-ġurnal "Malta". Nifhem li l-għan ewlieni ta' Briffa kien li jagħti tweġiba pulita u prattika ħafna billi jrawwem ġemgħa ta' gradwati u lawrejati li jemmnu fil-Malti. Il-qagħda u s-sentimenti li jolqtu dan il-punt jidhru ġmielhom f'din is-silta meħuda mirrivista bit-Taljan "Malta Letteraria" (Giugno, 1931, Anno VI, no. 6):

"Vogliamo notare una buona volta per sempre che la questione linguistica non puo, non deve essere considerata come una questione politica. Essa e' una questione eminentemente culturale, e come tale deve essere posta al di sopra di tutti i partiti. Neanche, secondo noi, si dovrebbe legiferare sul riguardo, prima che l'elettorato abbia raggiunto un grado di educazione e di cultura che sia sufficiente garanzia b'una spontaneita' sana e cosciente. L'unico consesso che puo' oggi in materia dare la parola d'ordine e' il corpo dei "Graduati". Perche' i graduati, mentre come corpo non appartengono ad alcun partito politico, rappresentano indubbiamente la classe piu' colta del paese. Ad essi, quindi, spetta di dirigere il popolo... E i graduati, per quel che riguarda la questione della lingua, il loro verdetto l'hanno dato nella memorabile seduta del 5 maggio (1931) ove, tra altro, votarono, con 199 voti contro 39, la seguente risoluzione: "di protestare contro ogni menomazione della cultura italiana del popolo maltese e contro ogni attentato alle sue millenarie tradizioni religiose ed alla sua civilta' latina."

(Jiġifieri Briffa kien ħoloq grupp li kellu gruppi oħrajn li ma jaqblu xejn miegħu. M'hemm ebda riferenza għall-għaqda tal-Malti fl-Universita', iżda kemm mill-ħsieb ewlieni u kemm minħabba li l-għaqda kienet għadha kif twaqqfet ftit xhur qabel, jidher li l-awtur qiegħed jiftakar fiha).

Skond "Malta" (organo del partito nazionale) tas-6 ta' Mejju, 1931, il-laqgħa tal-jum ta' qabel, imsemmija fl-aħħar taqsima tas-silta t'hawn fuq, ġabret madwar mitejn u ħamsin gradwat u professjonist, flimkien ma' l-istudenti universitarji. Fir-rapport tagħha "L'adunanza dei Graduati all' Universita' " "Malta" kitbet: "Superfluo dire che ogni paragrafo di tale risoluzione... e' stato fragorosamente applaudito da tutta l'assemblea, eccettuata una insignificante minoranza." M'hix ħaġa ħafifa li tgħid jek din il-"minoranza" kinitx magħmula minn studenti ta' l-Għaqda tal-Malti, fosthom Briffa. Hu x'inhu, huwa minnu li minn mindu twaqqfet l-għaqda, il-firdiet kulturali fost l-istudenti bdew jidhru sewwa u l-impressjoni li kulħadd kien irid it-Taljan bdiet tidher li m'hix vera.

Wara din il-firda, it-tielet element li twieled kien ta' rabta bejn il-kultura Maltija u l-kultura Ingliża. Il-"Journal of the Malta University Lite-

rary Society" (Marzu, 1936) kiteb: "If there is any language that must no longer be recognised as official, that surely is neither English nor Maltese. These two languages can give us what we want — the foundation of an Anglo-Maltese culture... Two literary societies... have encouraged this policy as far as possible within the spheres of their activities. These two societies, which have never hampered the progress of each other, are the one that publishes this "Journal" and the one that publishes "Leħen il-Malti"." Minkejja l-motivi ulterjuri moħbija f'din is-silta, hemm ħjiel ta' verita' minħabba li bejn l-imseħbin taż-żewġ gruppi kien hemm ħbiberija.

## IT-TAĦDITA TA' L-ASSEDJU

F'jum il-festa nazzjonali ta' l-1931, Briffa ngħażel biex jagħmel it-taħdita b'tifkira ta' l-Assedju l-Kbir quddiem il-monument, il-Belt. Iċ-ċerimonja u t-taħdita kienu ilhom isiru biss mill-1927 meta Dun Karm Psaila kien tkellem għall-ewwel darba. Id-diskors ta' Briffa jinsab imxandar fi ktejjeb imsejjaħ "Tifkira ta' l-Assedju l Kbir li saret fil-pjazza '8 Settembre 1565' fis-6 ta' Settembru, 1931" (Empire Press, Valletta, pp. 22), u hu dedikat "lil ħuti Maltin biex mit-tifkira ta' l-imgħoddi jitgħallmu għal li ġej".

It-taħdita hija miktuba bi stil li huwa kollu kemm hu ta' Briffa. Ħsibijiet ċari ħafna, aktarx ħfief, iżda ġenwini u ħierġa dritt mill-qalb. M'hemmx kliem żejjed u l-paragrafi huma lkoll aktarx qsar ħdejn il-paragrafi li kienu jinkitbu fi żmienu, waqt li drabi oħra kiteb ukoll paragrafi ta' sentenza ftit twila waħda biss. Minkejja li huwa dejjem poetiku, u għandu bixra viżjonarja (minħabba li Briffa kien għadu ta' 25 sena), it-taħdita fiha nifs wieħed ta' tama maqtugħa u għajjiena. It-ton pessimista ta' Briffa kien sar magħruf biżżejjed, u forsi kien dan il-leħen magħdur li ssokta jkabbarlu l-isem.

L-argument ewlieni, flimkien ma' xi rqaqat 'l hawn u 'l hinn, jistgħu, fil-fehma tiegħi, jitfgħu dawl fuq il-karattru u l-kuxjenza tiegħu. Il-ħsieb li bena kollox fuqu kien dan: "Kollox jitbiddel u bosta jintesa... Imma jeħtieġ li xi ħwejjeġ jibqgħu magħrufa. Is-sabiħ dejjem sabiħ, il-kbir u s-safi għadhom jagħmlu l-ġid, illum bħal dari."

L-appell nazzjonali jinħass ġmielu u jidher li l-poeta kien għadu jemmen f'Malta aħjar: "O poplu ta' Malta kollha,... ulied ta' art waħda, isimgħuha din il-ġrajja ta' nieskom, isimgħuha u għożżuha, għożżuha u tennuha lil uliedkom."

Punt importanti fl-istħarriġ ta' l-ideja li kellu dwaru nnifsu bħala poeta u dwar is-sehem tal-poeta fis-soċjeta' jista' jinstab f'dawn il-kelmiet: "Ħaġa ta' l-għaġeb l-Assedju tagħna għadu ma sabx il-poeta tiegħu. Imma għada pitgħada bil-fors jistenbaħ min-ngħasa l-għannej ta' dik il-ġrajja ta' l-għaġeb."

Il-ħsieb ta' "għannej ta' l-Assedju" jdaħħal fin-nofs lil Dun Karm, l-aktar poeta magħruf ta' dik il-ħabta. Li Briffa u Dun Karm kienu jammiraw lil xulxin bħala poeti huwa fatt li nafuh minn bosta ħwejjeġ. Ngħidu aħna f'"Il-Malti" (l-ewwel ktieb) ta' l-1927, Dun Karm kiteb poeżija b'terzini msejħa "Poeta", ddedikata "lil Rosario Briffa ta' l-'Epithalamion' "; kull stanza tintemm bil-kelmiet "żagħżugħ poeta tagħna". Biex iwettaq mill-ġdid l-ammirazzjoni tiegħu Dun Karm reġa' xandar poeżija oħra ("Il-Malti", l-ewwel ktieb, 1929) bl-isem "Trid Taf?" iddedikata "lil Rużar Briffa B.Sc.".

Min-naħa tiegħu, Briffa mhux biss ħatar lil ħabibu xi pceżiji tiegħu (sa minn kmieni, hu ddedika l-poeżija "Mill-Ġdid Poeta" "lil ħabibi u mgħallmi Dun Karm" — ara 'Leħen il-Malti', Aw., 1932), iżda meta miet sTqarru bħala "imgħallmi Dun Karm" u, fost ħwejjeġ oħra, kiteb: "Kien b'saħħa ta' Dun Karm u bil-pariri tiegħu li rnexxielu jżommli ftit tal-'balance' bejn il-klassiċiżmu u r-romantiċiżmu... Kien iħobb jitħaddet miegħi fuq il-poeżiji li jkun qiegħed jikteb, l-iktar meta sar jaf li jiena wkoll tajtha għall-poeżija... Dun Karm kien dejjem igħidli: ftakar sew, biex tkun poeta tassew trid tuża moħħok u qalbek, trid ispirazzjoni u kultura kbira. Dan it-testment li kien ħallieli." ("Leħen il-Malti", għadd 4, 1962).

Darra minn dan, fit-3 ta' Frar, 1946, Dun Karm kien bagħatlu ritratt tiegħu stess bil-kliem miktub minnu "lil ħabibi Rużar Briffa". Fil-kummentarju "L-Iżvilupp tal Letteratura Maltija" Briffa fisser mod ieħor il-fehma tiegħu: "Dun Karm sab vina ta' poeżija mill-isbaħ li ma taqta' qatt. Fi ftit snin Dun Karm sar il-poeta nazzjonali u bis-saħħa tiegħu twieldet il-kultura nazzjonali Maltija...".

Fit-taħdita ta' l-Assedju din l-ammirazzjoni tidher billi hu mhux biss ikkwota għadd ta' siltiet mill-"Għanja tar-Rebħa", iżda bena biċċa ġmielha mit-taħdita fuq l-argument tagħha. Fil-fatt, Briffa kien donnu qiegħed ibassar li Dun Karm kien se jissejjaħ 'poeta nazzjonali", għaliex kienet sewwa sew dik il-poeżija li ftit wara qanqlet lil Laurent Ropa (1891–1967) jsejjaħlu b'dak l-isem għall-ewwel darba fl-artiklu "Malta et sa litterature" imxandar fir-rivista ta' Pariġi "La Grande Revue" ta' Novembru, 1935.

Dan l-element viżjonarju fit-taħdita ġiegħel lil Briffa jħares iżjed lejn il-ġejjieni milli lejn l-imgħoddi: "Iva, id-dinja għad trid tismagħha din il-għanja ta' l-għaġeb li għadu ħadd ma għanna. Id-dinja għad trid titgħallem li demm il-Malti huwa demm safi u qawwi... li demm il-Malti ma naqasx meta nħtieġu l-fidwa ta' Malta u ta' l-emmna nisranija."

Il-patrijottiżmu ta' Briffa kien moħbi u prattiku, iżda xi drabi wrieh b'qilla wkoll: "Min lilhom (lil missirijietna) iċċekken il-glorja huwa vili jew l-istorja ma jafhiex." Ma' dan l-argument tintrabat il-kritika soċjali ta' din is-sentenza: "Xejn ma jiswa li tgħerru l-ġebel tal-knejjes bi rkobbtejkom, xejn ma jiswa li tiftaħru li intom insara jekk ma timxux fil-medda ta' l-Imgħallem."

Fil-qofol tiegħu, ħsiebu, għalkemm ma jinħassx wisq fil-poeżiji, huwa l-bini ta' Malta Maltija kif kien qiegħed jippriedka Dun Karm. Briffa jasal biex jagħlaq b'dal-kliem: "Żommu għoli l-isem tagħha u jekk il-bżonn tal-ħobż ibegħedkom minn xtutha, tinsewhiex u fuq kollox tkasbruhiex. Mhux Malti tassew min iħobb imaqdar ħaġa Maltija u jitbellah biex jogħġob lill-barrani. Biex in-nies iġġibna jenħtieġ li qabel kollox aħna nġibu lilna nfusna."

Kollox ma' kollox, it-taħdita turi mhux biss il-fama poetika li kien laħaq kiseb, iżda n-nazzjonaliżmu ġenwin tiegħu flimkien mal-karattru li mbagħad kellu jidher aħjar fil-poeżiji.

## IT-TLUQ

B'ittra tat-8 ta' Ottubru, 1931, huwa ngħata l-"Aubrey Strachan Travelling Scholarship" għal dik is-sena, u hu għażel li jistudja l-Venerejoloġija u d-Dermatoloġija. Dam Londra minn Ottubru, 1931, wara li ħa l-lawreja, sa Marzu tas-sena ta' wara. Flimkien miegħu kien irriżenja Dr. W.L. Fava biex isiefer ukoll għal studju. Minflok Briffa, f'laqgħa li saret fl-1 ta' Frar, 1932, inħatar il-professur P.P. Saydon li, minħabba l-ħila tiegħu fil-Malti kien ilu żmien jinteressa ruħu fil-għaqda. Minflok Fava ngħażel J. Formosa, membru tal-kumitat u li kien ukoll segretarju tal-"Malta University Literary Society". Bħala direttur ta' "Leħen il-Malti" baqa' waħdu Ġuże' Bonnici li laħaq tabib fl-istess sena.




Briffa ħa dan ir-ritratt fil-21 ta' Novembru, 1931, xahar wara li kien telaq minn Malta.

L-editorjal ta' 'Leħen il-Malti' ta' Ottubru, 1931 huwa "Kliem il-Firda" li Briffa kiteb b'ton rari ta' mexxej:

"Kif qed taraw ismi itneħħa minn fuq ir-ras ta' dan il-ktieb. Ma ngħoddx iżjed mad-diretturi ta' 'Leħen il-Malti' għaliex ikolli nitbiegħed mill-gżira tagħna. Tisigħu tobsru b'liema għafsa ta' qalb ser ninfired minn xogħol hekk għal qalbi. Ħaġa waħda iżda tnaqqasli ftit minn din id-dieqa. It-tabib Ġuże' Bonnici sejjer jibqa' direttur.

It-tabib Bonnici huwa żagħżugħ ta' ħila kbira, mhux fil-Malti biss, imma f'kollox. Lilna, imma, jolqotna l-iżjed il-Malti. Jiena naf ilii ħabibi Bonnici jibqa' jmexxi dan il-'Leħen' b'għaqal kbir. Jiena nafu b'żagħżugħ ħabrieki.

Hekk jinħtieġ: ħila, ħeġġa, qalb qawwija. Tassew illi llum ngħoddu ħafna ħbieb, imma ngħoddu wkoll bosta għedewwa. Mhux għax imissu jkun hekk, imma mur sewwi d-dinja. Lill-ħbieb irid wieħed iżommhom magħquda magħna għax jekk jinfirdu minna naqgħu bil-fors; lill-għedewwa ma ngħidulhom xejn. Inħalluhom iħanbqu kemm iridu, inħarsu lejhom bil-ħniena u nżommu għajnejna fuqhom biex ma jagħmlulniex ħsara.

L-ilsien Malti miexi sewwa. Kien tarbija u l-lum beda jitfarfar. Aħna niftaħru li l-għajnuna tagħna swiet bosta. Tajnieha u bi ħsiebna nibqgħu nagħtuha. Il-ħolm tagħna jwassal ħafna. It-tħanbiq ta' l-għedewwa mhux biżżejjed biex iċekken dan il-ħolm.

Għalhekk jixirqilna l-ħbiberija ta' min iħobb il-Malti. Ejjew magħna, iktbulna u fuq kollox ħallu lit-tabib Bonnici jmexxikom. It-triq hu jafha tajjeb. Jekk imexxikom hu żgur li ma tintilfux."

L-ewwel punt li jidher minn din l-istqarrija hu l-ħbiberija li kien hemm bejnu u bejn Ġuże' Bonnici li kellu jmut ftit snin wara fl-1940 fl-għomor ta' 33 sena. (Min-naħa ta' Bonnici, ma baqa' ebda dokument li jixħet dawl fuq din il-ħbiberija u ħidma; aktarx li huwa qatta' kull tifkira meta kien jaf li kien se jmut). Jidher ukoll li, minkejja li l-poeżija ta' Briffa hija karba waħda ta' bniedem għajjien, fil-qasam tal-ħidma tal-Malti hu kien jemmen fil-ħeġġa u fil-qalb qawwija. Is-sentenza l-aktar importanti hi din: "illum ngħoddu ħafna ħbieb, imma ngħoddu wkoll bosta għedewwa." Minn naħa waħda stqarr li l-fama tiegħu u tal-Malti qiegħda tikber, u minn naħa oħra ta ħjiel tat-tagħjir u l-għira li kienu għadhom jeżistu f'Malta f'oqsma, kulturali u soċjali, li qatt ma riedu jilqgħu lill-awtur Malti. (Nafu li Briffa kien iħoss ruħu li hu poeta, u minkejja l-modestja tiegħu, sejjaħ lilu nnifsu poeta għadd ta' drabi).

## EFFETTI TAT-TWAQQIF TA' L-GĦAQDA FL-UNIVERSITA'

Briffa ma kienx bniedem li beda għaqda u baqa' magħha sa l-aħħar. Ma kienx imwieled mexxej. Iżda ż-żerriegħa li tefa' kellha tikber. Fl-1 ta' Jannar, 1932, għadd ta' studenti universitarji



Rużar Briffa meta ħa l-lawrja ta' tabib f'Ottubru 1931.

tħajru mill-ħidma li kien beda Briffa u bdew ixandru "La Brigata" (rivista di lettere, scienze ed arti) b'V.M. Pellegrini bħala l-fundatur u l-editur. Fit-3 ta' Marzu, 1932, b'ħidma ta' Pellegrini nnifsu u E. Craig, inħolqot is-"Societa' Universitaria di Letteratura Italiana". L-għanijiet tagħha jaqblu għal kollox ma' dawk ta' l-Għaqda tal-Malti — Universita'. Waqt li l-istatut Malti (imxandar fl-ewwel ħarġa ta' 'Leħen il-Malti') igħid: "l-iskop ta' din l-għaqda jkun li tħajjar liż-żgħażagħ ta' l-universita' jiktbu bil-Malti u li xxerred il-kitba Maltija", u li "f'dawn il-laqgħat jinqraw ħwejjeġ ġodda minn għand membri ta' din il-għaqda u bċejjeċ sbieħ ta' kittieba magħrufa tal-Malti", "La Brigata" (Frar-Marzu, 1932) kitbet: "la societa', sempre per diffondere piu' la cultura letteraria italiana, promuovera' lavori originali tanto in prosa quanto in poesia; ricerche storiche intorno a fatti letterari, a correnti letterarie, a scrittori e ad opere; analisi di opere letterarie...".

Ftit xhur ukoll wara t-twaqqif ta' l-Għaqda ta' Briffa, għadd ta' studenti, fosthom uħud li mbagħad daħlu sewwa fil-ħidma Maltija waqqfu l-"Malta University Literary Society" fit-23 ta' Ottubru, 1931. F'Marzu tas-sena ta' wara beda joħroġ il-"Journal of the Malta University Literary Society" u mill-ġdid reġa' deher l-idejal ta' l-Għaqda tal-Malti — Universita' maqlub għall-Ingliż u b'risq l-Ingliż: "Our society has been organised in the university to foster the study of the English language and develop a love of literature. For this purpose original papers are read, debates held and on occasion lectures delivered... Literary aspirants may rest assured that we will be ever pleased to give publicity to their articles, provided that they possess that literary tone that the committee wish to develop..." Aktar tard il-"Malta University Literary Society" bdiet tniedi wkoll konkorsi letterarji bħalma kienet bdiet tagħmel l-Għaqda tal-Malti minn Ġunju, 1931.

Dwar il-qagħda ta' dawn l-għaqdiet, V.M. Pellegrini li kien fil-qalba tagħhom bħala student,

kitibli dan: "Fil-waqt li fi żmieni fl-universita' kellna tliet għaqdiet u tliet ġurnali, qatt ma kien hemm bejniethom antagoniżmu, ħlief dak ta' xejra persunali; it-tlieta kienu indipendenti, iżda l-kollaboraturi ma kellhomx impedimenti, u ħafna, anzi kienu, bħali, jikkollaboraw fit-tlieta." Jiġifieri l-ħidma ta' Briffa kienet bdiet tqiegħed minn kmieni lill-Malti fuq l-istess livell ta' ilsna meqjuma.

Il-"Journal" jidher li mill-bidu kellu fehma tajba dwar il-Malti, u bdew jidhru fih artikli ta' interess lingwistiku miktuba minn Ninu Cremona, P.P. Saydon, C.L. Dessoulavy, u Tancred Paris li saħansitra ddefenda t-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel u fl-universita' bi tliet artikli "Should Maltese Be Taught?"

F'dan kollu, is-sehem ta' Briffa jidher moħbi u mbiegħed, iżda llum li għadda ż-żmien u nafu kemm kellu twegħir quddiemu l-Malti, nifhmu li huwa lemaħ il-kawżi; waħda minnhom kienet li l-Malti ħtieġlu jingħata bixra professjonali.

## IT-TABIB

Meta ġie lura mill-kors f'Londra, f'Marzu ta' l-1932, Briffa bħala speċjalista tal-mard tal-ġilda, ma setax isib ħin biex jibqa' jmexxi u jaħdem fi ħdan l-Għaqda universitarja li kien waqqaf. Il-fażi tal-ħidma kienet intemmet ħesrem, iżda l-fażi tal-kontemplazzjoni poetika — bis-saħħa tal-mediċina — kienet għadha se tibda. Il-ħidma wiesgħa tiegħu bħala tabib twettaq dil-fehma.

Qabel ma nħarsu lejn il-karriera medika, tajjeb li wieħed jifhem kif kien jaħsibha dwar ir-rabta jew firda ta' bejn il-poeta u t-tabib ġewwa fih innifsu. Fit-taħdita "L-Iżvilupp tal-Letteratura Maltija" (1949) kiteb din is-silta:

"Nistħajjel li qiegħed nisma' lil xi ħadd igħid: 'It-tabib Briffa x'jidħol fil-letteratura? It-tobba fiż-żejt ir-riġnu jifhmu u mhux fil-letteratura.' Ħafna jaħsbu li l-letteratura u l-mediċina huma negazzjoni ta' xulxin. Il-ġrajja ta' Malta, imma, turi xorta oħra. Bosta tobba Maltin ħabbew u kitbu bil-Malti, u kollha kienu midħla sew ta' l-ilsna barranija wkoll. Insemmi biss lil Bonamico, lil Cleardo Naudi, lil Fabriz Borg, lil Temi Zammit, lil Ġuże' Bonnici, u lil Ġuże' Galea u lil Manwel Agius fost il-ħajjin. J'Alla t-tobba li jħobbu lill-Malti joktru dejjem!"

F'Londra, bejn l-1931 u l-1932, huwa nħatar Assistent Kliniku għall-Kurunell L.W. Harrison, Direttur tal-"Venereal Department" f'St. Thomas Hospital", u Konsulent tal-V.D. għall-ministeru tas-saħħa. Fil-"London Institute of Dermatology" huwa attenda kors sħiħ fil-Patoloġija u fil-Batterjoloġija. Attenda wkoll fil-kliniki f'"St. John's Hospital for the Skin".

Mill-20 ta' Awissu sal-15 ta' Ottubru, 1932, żamm il-kariga temporanja ta' R.M.O. fl-isptar ċentrali. Mis-16 ta' Ottubru, 1932, sal-15 ta' Ottubru, 1933, kien Assistent M.O. Fl-1935 Briffa kien l-Uffiċjal Mediku residenti fl-isptar ċentrali. Fl-istess sena żar Tuneż u ra l-ħidma tal-V.D. fl-isptar ta' Sadiki.

Bejn l-1936 u l-1938 huwa qeda għadd ta' karigi fl-isptar ta' Lazzarett, waqt li kien igħin volontarjament fit-taqsima tal-V.D. u l-ġilda fl-isptar ċentrali.

Kif kien jaħsibha fuqu nnifsu bħala tabib, minkejja l-umilta' żejda tiegħu? Dr. Alfred Cauchi kiteb: "Niftakar illi f'waħda mil-laqgħat rari u ta' bla ħsieb li kelli miegħu f'Malta, aktarx fl-1937, huwa rrakontali kif minn grupp ta' 58 tabib middinja kollha fil-kors-ta'-wara-l-gradwazzjoni tad-Dermatoloġija fl-Ingilterra, kien huwa biss li għamel dijanjosi tajba f'każ ta' 'ringworm' tar-ras."

## L-EWWEL ŻWIEĠ

Fis-27 ta' Ġunju, 1933, jiġifieri meta Briffa kellu 27 sena, huwa żżewweġ lil Constance Winifrid Dunn, xebba Ingliża ta' 31 sena. Dik il-ħabta l-familja tiegħu kienet toqgħod f'dar fi Triq Irjali, il-Belt. Constance (jew Connie, kif kienet magħrufa) twieldet fl-20 ta' Settembru, 1902, f'Deal, belt muniċipali f'Kent, l-Ingilterra. Kienet ta' twemmin Anglikan. (Aktar 'il quddiem, madankollu, binthom Ċeċilja (illum Swor Rożarja) tgħammdet fil-knisja kattolika). Iż-żwieġ sar fis-sagristija tal-kon-kattidral ta' San Ġwann. Connie aktar tard mietet b'marda qalila meta kellha 48 sena, nhar it-28 t'April, 1950, u tinsab midfuna fiċ-ċimiterju Ta' Braksja (Diviżjoni 7, numru 13) f'Tal-Pieta'. Fuq l-irħama tal-qabar li waqqfilha, Briffa kiteb dawn il-kelmiet: "In memory of Constance W. Briffa. Born Dunn, died 28th April, 1950".

Għal Briffa, żagħżugħ mimli ħolm li kien għadu kif sar tabib sentejn qabel, dan iż-żwieġ ġieb miegħu għadd ta' tbatijiet, fosthom oppożizzjoni familjari. Bħala poeta awtobijografiku li nqeda bil-poeżija bħala djarju persunali, huwa stqarr dan kollu bi kliem ċar f'siltiet ta' "Lin-Namrata", miktuba fl-1931 ("Għalkemm ġensek ġens barrani, — barranija l-kelma tiegħek, — għalkemm lewnek le ma jixbah — il-lewn sbejjaħ tal-wiċċ tiegħek, — sħiħ tħabbejna," u wkoll "... n-nies ħajjiena, — b'ebda ħniena — għafset fuqna, — għax riditna mifrudin"). Aktarx ukoll li kien hemm xi żmien ta' firda bejn it-tnejn qabel iż-żwieġ, kif jidher minn din is-silta mill-poeżija msemmija: "Hekk imbiegħda minn xulxin, — stajna nibqgħu mifrudin"; il-ħsieb ta' firda huwa kważi kważi l-mottiv ewlieni ta' "Waħdieni", miktuba fl-1933.

Poeżija bikrija ta' mħabba li kiteb, "Tfajla Toħlomx" (1925) tista' titqies bħala espressjoni romantika ta' student, u tista' tkun jew ma tkunx marbuta ma' xi esperjenza persunali. L-ewwel irbit ta' mħabba ma' twegħir jinħass sewwa f'"Lil Qalbi" (1926) u l-iżjed fil-vers: "Għax hienja kont, għax kont ma tħobb lil ħadd" (is-suġġett huwa qalbu). Ix-xettiċiżmu fl-imħabba, kif ukoll rifuġju mixtieq fiha, jinħassu t-tnejn matul dawk is-snin ta' qabel iż-żwieġ ma' Dunn.

Fil-poeżija ta' dik il-ħabta wieħed jista' jaħseb li Briffa sejjaħ lil Constance bl-isem ta'

"Dorina", bħalma poeti oħrajn ġie li nqdew b'ismijiet mibdula b'riferenza għal nisa ħajjin. Madankollu, sirt naf li Briffa nnifsu darba qal privatament li "Dorina" kienet tfajla tassew li huwa għamel żmien iħobb. Min-naħa l-oħra, il-poeżiji ta' "Dorina" jaħbtu maż-żmien ta' Dunn.

Bħala poeta sensittiv ħafna wera xewqa sħiħa li jħobb u li jkun maħbub, u min-naħa tiegħu ħabb lil Dunn bis-sħiħ, waqt li ppreżentaha bħala mara sabiħa. "Il-għanja ta' l-Imħabba" (1927) fiha ħsibijiet ta' xewqa ta' mħabba min-naħa tiegħu ("Kull m'hawn f'din id-dinja jitbekka l-imħabba") u ta' frustrazzjoni u bruda ("'Ma x'jiswa Dorina... Jekk xofftok tiċħadhom il-bews ta' l-imħabba, — Jekk inti le temmen fl-imħabba taddiem?").

In-nuqqas ta' stabilita' kellu bosta xejriet filħajja tiegħu ta' dawk is-snin. "Xewqat" (1928) hija poeżija li, waqt li twettaq il-fehma tal-poeta nnifsu (u tiegħi wkoll) dwar l-influwenza ta' John Keats fuqu (qabbel "Xewqat" mas-sunett "Bright star, would I were stedfast as thou art"), tiġbor fiha l-kriżi kollha ta' l-instabilita' emozzjonali.

Din id-diżillużjoni bikrija tiegħu fl-imħabba, mibnija sewwa sew qabel iż-żwieġ, għandha tiftiehem aħjar bil-fatt li l-ewwel żewġ ballati tiegħu (u l-aħjar tnejn) kitibhom f'dan iż-żmien: "Filħemda tal-ġnejna dellija" (1928) u "Kull fl-għaxija x'ħin id-dalma" (1931). Fit-tnejn hemm ilkuntrast li semmejt dwar l-imġieba psikoloġika ta' Briffa: tfittxija tar-rifuġju fl-imħabba (ara wkoll is-sunett "Kenn l-Imħabba", 1928) u preżentazzjoni ta' l-imħabba bħala traġedja. Nemmen li ssoluzzjoni tinsab f'waħda minn dawn iż-żewġ tifsiriet: jew Briffa kien instabbli fl-emozzjonijiet tiegħu (minħabba kawżi ta' ħajtu f'dak iż-żmien) jew kien qiegħed ibati u ried ifittex żvog.

Prova oħra ta' din it-tbatija bikrija kitibha f'"Deżolazzjoni" (1928); "... ta' min jaf illi tilef — U qabel kiber xjieħ"; f'"Il-Bluha taż-Żgħorija", miktuba fl-istess sena, stqarr: "Ċħadtni malajr, o ħolma taż-żgħorija" u "Issa xi trid minn min għal kollox għajja?". Fl-istess ħin jibqa' l-misterju li, minkejja dan kollu, Briffa baqa' jistenna l-hena, kif kiteb lil "Dorina" f'"Għanja", waħda miż-żewġ poeżiji importanti tas-sena taż-żwieġ. Terġa', hawn ukoll jidher il-kuntrast, għaliex il-poeżija l-oħra ta' l-1933 "Waħdieni" hija stqarrija bla faraġ. Għalih ma kienx għadu kmieni wisq biex ikun diżilluż.

Punt li Briffa ma tbiddel qatt dwaru huwa l-faraġ li sab f'ommu. Ommu Ġovanna kienet tagħdru u tħobbu, waqt li fl-inkwiet kien isib faraġ fiha. Iż-żewġ poeżiji "Lil Ommi" (Benninni ħa norqod" u "Omm, int le taf") jidhru li nkitbu bħala ringrazzjament lil ommu talli ttrattatu tajjeb. It-tnejn kitibhom wara xulxin u fl-istess sena, l-1928, is-sena li fiha (bħall-1945) kiteb tnax-il poeżija, l-ogħla numru tiegħu. (Ta' min isemmi wkoll li s-sena 1928 tintrabat mal-kummenti li tajt dwar il-karattru ġwejjed tiegħu, minħabba li tiġbor fiha l-emozzjonijiet kontra xulxin li l-poeta beda jġarrab f'dik il-ħabta).

It-tifkira ta' ommu baqgħet f'moħħu għal dejjem, bħalma ġara lil Dun Karm li, għal raġunijiet differenti iżda li jixxiebhu, inġibed ħafna lejn ommu. Skond "Leħen il-Malti" (għadd 5, 1963) fit-28 ta' Marzu, 1962, Briffa qal hekk dwar "Lil Ommi" (Benninni ħa norqod): "Noffriha għall memorja ta' ommi li spiratli din il-poeżija u illi dejjem interessat ruħha filli tara u tkun taf kif jien miexi f'dik li hija l-karriera tiegħi."

Meta qal hekk, ommu Ġovanna kienet għadha kemm mietet ftit jiem qabel, fit-2 ta' Marzu, 1962. Il-ħsieb matern, f'sens usa' mit-tifsira persunali, jinsab fi "Traġedja" (1945), "In te, Domine, speravi" (1946), "Mater Dolorosa" (1957) u xi siltiet oħra mhux imxandra fil-volum tiegħu. Il-ħsieb Freudjan ta' ansjeta' marbuta ma' l-istorja persunali tal-bniedem laqat ħafna lil Briffa tabib. Bħala tabib kien jaf li qabel ma tarbija titwieled, tistrieħ fl-akbar sigurta' fil-ġuf ta' ommha. Kien jaf ukoll li f'qagħdiet imwiegħra l-bniedem jista' jasal jixtieq jidħol fil-ġuf t'ommu. Dawn ilħsibijiet, iċċentrati fil-ħsieb ta' ommu stess, huma bażiċi fil-poeżija tiegħu, imqar meta ma jinħassux ħafna. L-aqwa eżempju kitbu f'"Il-bieraħ" (2/10/60): "Stħajjiltni li f'ġuf ommi — Għallkenn u l-benna dħalt — u minn tant dmugħ u niket — Jien sibt is-serħan f'salt." Dan kollu filkuntest ta' l-ewwel żwieġ u t-tifkira tiegħu wara l-mewt ta' Constance għandu ġustifikazzjoni u tifsira.

Il-poeżija l-aktar importanti ta' l-ewwel żwieġ hija "Emmintek", miktuba fl-1944; fit-2 ta' Lulju, 1944, miet missieru Duminku, iżda poetikament din il-ġrajja ma laqtitux. F'dik il-poeżija bikrija tinsab imfissra l-kriżi b'qilla rari ħafna fi Briffa; il-ħsieb, bħas-soltu, hu maqsum fi tnejn, jiġiferi l-idejaliżmu ta' żgħożitu li falla, u r-rejaliżmu li weġġgħu.

Flimkien ma' l-omm, bintu l-waħdanija Ċeċilja, imwielda fil-15 ta' Jannar, 1936, minn Constance, fid-dar fi Triq Lapsi, San Ġiljan, fejn kienu joqogħdu dak iż-żmien, hija t-tieni għajn ta' faraġ.

## IL-PESTA TA' L-1936-1937

Għall-ħabta ta' l-ewwel ġimgħatejn ta' April, 1936, dehret f'Malta l-pesta bubonika. L-ewwel morda kienu furnar u ibnu minn familja ta' Ħal Qormi. Il-marda ma damitx ma xterdet fl-inħawi tal-qrib. Kien hemm ħwejjeġ li jixhdu li l-infezzjoni kienet ġiet f'Malta mill-Afrika ta' Fuq. Il-ġrieden u d-dud infettati kienu aktarx daħlu filgżira f'tagħbijiet ta' ħuxlief u tiben li kienu ġew importati minn hemmhekk. Fil-fatt, instab li f'bosta każijiet, il-pesta messet lil nies li kienu jaħdmu fi nħawi fejn kien hemm dan il-ħuxlief.

Għall-ewwel l-imxija kienet baqgħet f'Ħal Qormi, iżda mbagħad laħqet sa Ħaż-Żebbuġ sattmiem ta' Mejju, 1936. Bejn Mejju u Novembru, ħdax-il każ biss saru magħrufa, u tlieta minnhom

mietu. Aktar tard każijiet oħra messew lir-Rabat, il-Marsa, il-Mosta u Ħ'Attard. L-għadd kollu ta' każijiet magħrufa kien ta' tlieta u tletin bi tnax-il mewt. L-imxija baqgħet tiġri għal tlettax-il xahar, sakemm mietet għal kollox f'Mejju, 1937.

Quddiem theddida bħal din Briffa ħadem kemm felaħ. Matul dan iż-żmien mhux biss ma xandarx poeżiji, kif donnu kien waqaf li jagħmel minn mindu nefa' għall-professjoni, iżda lanqas kiteb vers wieħed biss: ħsieb li rrifera għalih fl-ewwel poeżija li reġa' kiteb wara fl-1938, "Fl-Indja". Fuq naħa għandna l-istqarrija tiegħu dwar il-poeżiji: "Uħud minnhom ktibthom fi żmien ta' dwejjaq kbar... U ktibthom għalija, u swewli ħafna ġid bħala 'escapism' ", stqarrija li, fost it-twegħir tal-mard u l-morda, Briffa seta' jwettaq. Iżda fuq in-naħa l-oħra għandna l-fatt li huwa nnifsu kien igħid xi drabi lil ħbiebu li m'għandux qalb jibqa' jikteb il-poeżija, minħabba l-miżerja tal-bnedmin li jara. Quddiem il-mard bħala fatt, il-poeżija bħala sentiment sabiħ setgħet tqieset bħala lussu żejjed minnu. Hu x'inhu, dan il-ħsieb jagħti tifsira lill-qosor impressjonista tal-poeżiji tiegħu.

Fl-"Isolation Hospital", f'Lazarett, huwa ħadem ta' Assistent Uffiċjal Mediku bejn Ottubru, 1936, u Jannar tas-sena ta' wara, flimkien ma' ħidmiet oħrajn li jwettqu s-sehem tiegħu fil-pesta. P.J. Anastasi, P.M.O., M.O., ta' l-"Isolation Hospital", f'ittra tad-9 ta' Jannar, 1938, kiteb: "... In the great pressure of work during the plague epidemic he was appointed temporary assistant M.O. and worked with me from October, 1936 to January, 1937, and I cannot speak too highly of his kindness, his skill, and his devotion to duty during those arduous and dangerous days."

Ittra oħra li tixhed l-istess ħila u tjieba mhux biss dwar is-sehem tiegħu fil-pesta, iżda dwar il-ħidma medika kollha, hija dik tal-Professur V.M. Curmi, bid-data tat-12 ta' Jannar, 1938: "During his attendance. . .I had the opportunity to make a high opinion of his ability as a venereologist and dermatologist. In fact he already possesses great experience and is fully familiar with the clinical methods... Moreover, I can fully testify as to his excellent moral character." F'ittra oħra tal-11 ta' Ottubru, 1938, Curmi reġa' kiteb: "I cannot help encouraging him in applying for such a transfer as the lepers certainly deserve the best treatment in the hands of a really efficient and enthusiastic specialist." Dik il-ħabta Briffa kien qiegħed japplika biex isir "Leprosy Control Officer".

Ta' min isemmi wkoll li bejn l-1936 u l-1938 huwa kien jaħdem ta' tabib privat f'żewġ inħawi: il-Belt għall-mard tal-ġilda u l-V.D., u f'San Ġiljan għall-prattika ġenerali.

## GĦARFIEN POETIKU

Għall-bidu ta' l-1937 minn Tunes ħareġ "Poetes Maltais", is-sbatax-il ktieb, editjat minn Armand Guibert li dik il-ħabta kien ġie Malta, fis-sensiela letterarja "Les Cahiers de Barbarie". Il-volum jiġbor tnejn u tletin poeżija Maltija maqlubin għall-Franċiż minn Laurent Ropa, awtur Għawdxi-Franċiż li, barra li kiteb rumanzi u poeżiji bil-Franċiż, kellu stima lejn Briffa bħala poeta. Il-poeti magħżula minn Ropa kienu dawn: Rużar Briffa, F.S. Caruana, Ninu Cremona, Ġużeppi Delia, Dun Karm, Carmelo Mifsud Bonnici, Ġuże' Muscat Azopardi, Ġorġ Pisani u Turu Vassallo.

Skond l-editorjal ta' "Il-Malti" (Ġunju, 1937), miktub minn Dun Karm, li ngħata importanza ewlenija fil-volum, "Poetes Maltais" intlaqa' tajjeb ħafna u sewa ta' għarfien internazzjonali għal-letteratura Maltija, għall-inqas f'oqsma kulturali. Għal Briffa dan kien servizz siewi ħafna, mhux biss għaliex ingħażel fost disa' poeti biss biex jirrappreżenta letteratura li kienet qiegħda tikber fl-għadd tal-kittieba, iżda għaliex bit-tmien poeżiji li għandu maqlubin għall-Franċiż, huwa ngħata t-tieni importanza wara Dun Karm. Ropa ma kellux għażla wiesgħa wisq minn fejn jagħżillu minħabba li sa dak iż-żmien Briffa kien għadu kiteb biss wieħed u erbgħin poeżija; minnhom huwa għażel dawn, li fl-istess ħin, juru liema kienu l-poeżiji l-iżjed għeżież għal Briffa nnifsu: "Lacrymae Rerum", "La Statue Silenciuse", "Un Seul", "Fierte Maltais", 'La fete du pardon", "Apres-midi d'ete", "A.F.S. Caruana" u "Ave Maria".

Fil-"Preface", Laurent Ropa ta din l-importanza storika lil Briffa: Le jeunesse ne tarda pas a repondre a ses appels: l'universite' etant Rożar Briffa et Giuse' Bonnici en entreprirent la conquete; des 1930, ils lancerent une revue "La Voix du Maltais" (Leħen il-Malti) puis organiserent une association......". Ropa kiteb id-data ħażina dwar it-twaqqif ta' l-Għaqda tal-Malti — Università', bħalma drabi oħra, fi studji li kiteb dwar il-letteratura Maltija, ta importanza żejda lil Dun Karm, waqt li nesa lill-bqija. Fis-silta li ġejja, ngħidu aħna, Ropa juri kemm l-ideja għolja li kellu ta' Dun Karm, u kemm il-prominenza li ta lil Briffa: "Parmi les jeunes disciples de Dun Karm, Rosario Briffa, Georges Pisani et Arthur Vassallo retiennent particulierement l'attention".

Meta wieħed iqis dan kollu, wieħed jitħasseb jew jistagħġeb kif fl-artiklu tiegħu "Malta et sa litterature" ("La Grande Revue", Novembru, 1935, Pariġi) Ropa ma semma xejn lil Briffa, waqt li fl-artiklu l-ieħor "Malta et ses poetes" ("L'Age Nouveau", n. 14, April, 1939, Pariġi) ftit li xejn semmieh b'importanza.

## FL-INDJA

Fit-18 ta' Ottubru, 1938, Briffa nħatar "Leprosy Control Officer" wara li kien applika, u ftit wara mar l-Indja fejn studja l-Leproloġija f'Calcutta u f'Madras. Attenda wkoll kors sħiħ fil-"Calcutta School of Tropical Medicine", u kien jattendi regolarment il-kliniki tal-ġdim, il-ġilda u l-V.D., marbutin ma' l-istess istituzzjoni. Ħadem ukoll fl-"Albert Victor Leper Hospital" ġewwa Gobra, u fil-"Leprosy Investigation Centre" ta' Bankura. F'Madras Briffa ħadem għal xahar sħiħ fil-"Lady

Willingdon Leper Settlement". Tliet xhur wara, jiġifieri f'Jannar, 1939, reġa' lura Malta.

L-esperjenza tiegħu f'dak il-pajjiż ħalliet fuqu marka sewda ħafna li ma nsieha qatt f'ħajtu, kif wieħed jista' wkoll jintebaħ jekk iqabbel għadd ta' espressjonijiet poetiċi li bdew jidhru fil-poeżiji tiegħu minn dak iż-żmien 'il quddiem. Nemmen li fuq il-livell poetiku, l-effett kien imtawwal għaż-żmien ta' wara, kif ġara bosta drabi oħra f'ħajtu, ngħidu aħna fil-każ tal-poeżiji tal-gwerra dinjija li kitibhom wara, u mhux matulha. Dil-fehma tintrabat ma' dak li kiteb huwa nnifsu f'ittra lil Ġuże' Cassar Pullicino fl-1945: "Jolqotni ħsieb u jdum iberren f'moħħi għal xhur sħaħ — xi drabi għal snin." Fil-każ ta' l-Indja dan il-fatt jidher minħabba li l-versi li rnexxielu jikteb hemm huma biss "Fl-Indja", poeżija ta' tmien versi biss. Il-qosor tagħha m'huwiex marbut biss ma' l-istil liriku ta' Briffa; jista' jitqies il-fatt li f'dawk ix-xhur ta' ħidma u studju ma setax isib żmien għall-poeżija, għad li nafu li l-ispirazzjoni kienet tleħħ fih f'waqt qasir u tinkiteb minnufih. Iżda aktarx li r-raġuni ewlenija hi li bejn it-tabib u l-poeta ġewwa fih kien hemm dejjem dikotomija sħiħa, u l-poeżija, quddiem il-mard l-iżjed ikreh, dehritlu ħaġa żejda u kontra dmiru. Dan il-punt importanti jiftiehem mhux biss bit-tqabbil tal-produzzjoni poetika tiegħu mal-ħidma medika (għalkemm din tibqa' l-bażi ewlenija ta' l-ispirazzjoni tiegħu), kif ukoll minħabba l-fehmiet li kien ifisser ma' ħbiebu, iżda jidher ċar f'"Il-Kotra u Jien", miktuba aktar tard fl-1945: "Għall-marid mhux poeżija, imma s-serħ t'anestesija". Fuq kollox, fil-poeżija "Fl-Indja" stess hemm l-istqarrija li Briffa nħasad sewwa ("għall-ewwel darba mitt") u b'effett ma kitibx poeżija ("għal żmien mill-għana skitt"). Hawnhekk ukoll it-tejorija ta' l-"escapism" ma tgħoddx, u l-poeta pprefera li jkun tabib biss.

Malli reġa' lura f'Malta, f'Jannar, 1939, inħatar "Acting M.O." responsabbli għall-kura tal-V.D. u l-klinika tal-Ġilda, matul in-nuqqas tal-Professur Curmi. Fl-istess żmien baqa' jaqdi dmirijiet ogħla fl-isptar tal-lebrużi, u nħatar eżaminatur tal-Venerejoloġija u d-Dermatoloġija fl-Universita' ta' Malta.

## IL-GWERRA DINJIJA

It-taqlib persunali ta' Briffa, miżżewweġ u tabib ta' morda mwarrba, kellu jiżdied bit-tfaqqigħ tat-tieni gwerra dinjija. Nhar l-10 ta' Ġunju, 1940, l-Italja ddikjarat gwerra kontra l-Ingilterra u Franza. L-għada sar l-ewwel attakk mill-ajruplani Taljani. F'dik l-istess ġurnata, il-11 ta' Ġunju, 1940, huwa nħatar Suprintendent Mediku ta' l-isptar ta' emerġenza "Blue Sisters". Ftit qabel kien għadu kemm ingħata responsabbilta' ewlenija fit-tħejjija ta' erba' sptarijiet ta' emerġenza: l-iskola teknika ta' Bugeja, is-"Sacred Heart Convent", "The Rosary School" u l-"Blue Sisters" imsemmi. Matul dik il-ħabta baqa' jaqdi dmiru bħala Tabib Viżitatur fl-isptarijiet tal-lebbra, barra ħidmiet ġodda ta' każijiet suspettużi. Fl-1944 inħatar Uffiċjal Mediku għall-"War Memorial Hospital for Children".

L-ewwel poeżija tal-gwerra hija "Viva Kristu Re", miktuba fis-6 ta' Novembru, 1940. Jumejn wara kiteb "Ave Marija — waqt il-blitz". Is-sentiment taż-żewġ poeżiji huwa reliġjuż. Iżda ma' l-1941, il-gwerra nebbħitu qilla kontra l-inġustizzja soċjali tal-ħakkiema kontra l-ulied mejta u l-ommijiet imbikkija ("Quam Tristis Fuit illa") b'mod li fisser il-fehma li m'għandhomx jinġiebu iżjed ulied fid-dinja qabel tintemm il-gwerra. Dan l-argument għandu importanza kbira u jittieħed bħala wieħed mill-eżempji fejn Briffa ħallat bis-sengħa x-xjenza mal-poeżija.

Iż-żewġ poeżiji ta' l-1942, l-eqqel sena tal-gwerra għal Malta, ifissru l-qilla t'Alla fit-taqbida ("Korla") u l-element patern rari ta' Briffa quddiem bintu waħdanija, rieqda ("Lil Binti waqt Air-Raid"). Dak iż-żmien bintu Cecilja kellha sitt snin.

L-element favur l-imperu Ingliż ma jinħass xejn matul il-poeżiji tiegħu tal-gwerra, u lanqas wara. Poeti u kittieba oħrajn li ġarrbu l-gwerra (fosthom Dun Karm) urew, għal xi raġuni jew oħra, sentimenti ta' qima lejn l-Ingilterra. Madankollu, Briffa qatt ma ta ħjiel favur, u meta fil-15 ta' April, 1942, ir-Re Ġorġ ta l-"George Cross" lil Malta, il-poeta ma kiteb xejn fuq hekk. Nifhem li l-karattru sinċier u sempliċi li kellu, ix-xejriet anti-kolonjali li juri f'xi versi 'l hawn u 'l hinn, flimkien mat-twegħir tal-morda tiegħu, ma setgħux iħalluh jehda bi ħwejjeġ ta' ġieħ.

Meta fl-aħħar jiem ta' Awissu, 1944, Malta kienet meħlusa mill-gwerra, Briffa wkoll ħabat se jinsieha fil-poeżija. Iżda kellhom ikunu l-effetti marradija tagħha li ġegħluh, aktar tard, jikteb versi fuq il-gwerra li kienet għalqet fit-8 ta' Mejju, 1945 fl-Ewropa, u fil-15 ta' Awissu, 1945 fil-Paċifiku. Lejlet l-aħħar data storika, Briffa kiteb "Jum ir-Rebħa", poeżija li, waqt li tgħaqqad is-sehem tal-Madonna mar-rebħa (kif emmnu l-Maltin), ma tifraħ xejn bir-rebħa. Aktarx li, bħala tabib, huwa ħass li ma setax jifraħ bħala poeta. F'dan is-sentiment ukoll, Briffa ma jaqbel xejn mal-kittieba l-oħrajn ta' żmienu li, fil-fatt, m'humiex profondi daqsu f'dal-qasam.

Wara l-gwerra huwa kien mar iqatta' ġimgħatejn ma' ommu u familjari oħrajn fid-dar 56, Second Street( illum Triq Bosio) l-Imsida. Id-dar tiegħu f'dik il-ħabta kienet sewwa sew quddiem l-isptar tal-Blue Sisters.

## IL-LOGĦBA TAL-HAJDUKS

Bejn il-poeżija tal-gwerra u l-poeżija ta' l-effetti tagħha (medda ta' żmien li tmur sa l-1946, kif se naraw), hemm "Jum ir-Rebħ", waħda mill-ftit espressjonijiet nazzjonali ta' Briffa. It-tim jugoslav tal-ballun "Hajduks" kien ġie Malta biex jilgħab għadd ta' logħbiet mat-timijiet ta' l-Army, l-M.F.A. XI, in-Navy u fl-aħħarnett ma' Malta. Il-logħob kollu sar bejn it-18 u l-25 ta' Marzu, 1945, meta Malta tilfet bi tlieta b'ħamsa. Briffa kien mar

jara l-logħba u l-inċident li nqala' laqtu b'mod li kiteb il-poeżija magħrufa. "Jum ir-Rebħ", fl-ewwel edizzjoni tal-volum tiegħu, iġġib id-data ħażina tat-8 ta' Marzu, 1945 (meta l-logħba kienet għadha ma saritx) minflok it-8 ta' April, 1945, meta kitibha. Skond "Il-Berqa" tat-Tnejn, 26 ta' Marzu, 1945, l-għada tal-logħba, dan kien l-inċident: "Meta l-eċċellenza tiegħu (il-Gvernatur Sir Edmond Schreiber) wasal, il-banda tal-K.O.M.R. daqqet il-"God save the king" u l-innu jugoslav, iżda bi żvista li ma tistax tiġi spjegata l-banda ma daqqetx l-Innu Malti. Kien waqt tassew li jqanqal meta l-Maltin qamu bil-wieqfa u kantaw l-Innu Malti."

L-Innu Malti kien għadu kemm ġie ddikjarat uffiċjalment fis-27 ta' Frar, 1941. Il-ħbiberija kbira ta' bejn Briffa u Dun Karm bħala l-awtur tal-versi ta' l-innu setgħet kabbret ir-rejazzjoni tiegħu għall-inċident.

## IL-PESTA TA' TMIEM IL-GWERRA

U hawn jidħlu l-effetti marradija tal-gwerra bil-poeżija li Briffa kiteb fuq il-ġrajja meta kienet intemmet. Dan il-fatt jaqbel sewwa max-xejra poetika tiegħu li jikteb żmien twil wara li jkun laqtu l-ħsieb. Bil-gwerra l-gżira kienet fil-periklu li timtela bil-ġrieden minħabba l-importazzjoni meħtieġa tal-gwerra. Fil-bidu ta' l-1945, fil-fatt, il-pesta dehret f'bosta taqsimiet ta' l-Afrika ta' Fuq, l-Alġerija, Oran, Ħajfa u l-Kanal tas-Swejż, minn fejn baqgħet tixtered sa Paliermu, b'mod li mbagħad Malta ma setgħetx teħles minnha. L-ewwel każijiet dehru fil-gżira fit-18 ta' Ġunju, 1945. Il-poeżija "Ejja, Grigal" (7/9/45) hija għajta għall-fejqan; fil-fatt fis-seba' stanza hu jsemmi lill-Afrika ta' Fuq. L-ewwel żewġ każijiet ta' mard intbagħtu fl-"Isolation Hospital". Sa l-aħħar ta' dak ix-xahar żdiedu każijiet oħrajn, u l-imxija damet madwar sena sħiħa. Għall-ħabta ta' dan iż-żmien, fl-1945, Briffa ħa kariga ogħla fil-"War Memorial Hospital for Children" billi nħatar konsulent tal-ġilda u l-V.D.

Minħabba li kellu sehem kbir fil-ħarsien ta' dawk il-morda, Briffa ftakar fil-kawża tal-pesta, jiġifieri l-gwerra dinjija, u kiteb dawn il-poeżiji: "Il-ħolma eterna" (30/9/45), "Tgħid?" (24/1/45), "Prehistoria" (6/11/45), 'San Ġwann fil-Blitz" (?/1/46).

Is-sena 1945, bħall-1928, hija s-sena l-aktar produttiva għall-poeta. Madankollu, minkejja li f'dik is-sena kiteb tnax-il poeżija f'dik il-qagħda li ġiebet magħha l-mewt ta' 22 ruħ, Briffa reġa' ħass fih il-kriżi ta' kuntrast bejnu bħala tabib u bħala poeta. 'Il-kotra u jien" (1945) tiġbor dan kollu fl-aħħar żewġ versi: "Għall-marid mhux poeżija/imma s-serħ t'anestesija".

## SANTU ROKKU

Santu Rokku, li hu meqjus tradizzjonalment bħala l-qaddis ta' l-imġiddmin, kien maħbub minn Briffa li semmieh fi "Dwejjaq missirijietna". Mhux biss, iżda hu kien jieħu interess kbir fin-niċċa qadima ta' Santu Rokku li hemm taħt l-arkati fi Pjazza Reġina, il-Belt. Dik in-niċċa, imwaqqfa fl-1676, kienet ilha żmien twil sewwa mitluqa, iżda għall-poeta sempliċi kellha bħal seħer, u pprova kemm-il darba jieħu ħsiebha, tant li kiseb il-permess li jqabbad lil min inaddafha. Huwa dam jieħu ħsiebha matul l-aħħar seba' snin ta' ħajtu. Bħala tabib tal-ġdim hu ġie li fittex li jqanqal qima lejn il-qaddis fil-pazjenti tiegħu.

## IL-KRIŻI TA' L-1950

Matul Lulju u Awissu ta' l-1948, huwa żar oqsma mediċi f'Londra u ltaqa' ma' għadd ta' tobba Ingliżi magħrufa. Fl-1949 żar ir-"Reparto Dermo-Sifilopatico" fl-isptar ġenerali ta' Katanja, u ltaqa' ma' professuri ewlenin tal-post; żar ukoll "Stazione Sanitaria Marittima" ta' Palermu, Katanja u Sirakuża. Fl-1950 żar il-klinika tal-V.D. tar-"Royal Victoria Hospital", f'Dover, l-Ingilterra.

Fiż-żmien qabel it-28 ta' April, 1950, meta martu Constance Dunn mititlu wara marda qalila, flimkien mat-taqlib emozzjonali, kif jinħass l-iżjed f'uħud mill-poeżiji ta' bejn l-1945 u l-1948, żdiedet it-theddida tal-mewt. Fl-1947, wara sentejn ta' produzzjoni tajba, kiteb żewġ poeżiji żgħar biss, sittax-il vers b'kollox. L-aħħar poeżija qabel il-mewt ta' Constance, "Swied il-Qalb" kitibha fl-24 ta' Novembru, 1948, u hija l-unika waħda li kiteb f'dik is-sena. Fl-1949 u fl-1950 ma kiteb xejn, minħabba l-marda serja ta' martu; hawn ukoll it-tejorija ta' l-'escapism' ma swietlu xejn, għaliex ma fittixx il-poeżija (bħalma ġralu wkoll Anton Buttigieg li bejn l-1956, meta mititlu t-tieni mara, u l-1960 ma kitibx vers wieħed). Fl-1951 ma kitibx ħlief "Konna tfal", tliet kwartini biss li jfissru d-diżillużjoni tiegħu. L-aktar punt importanti jinsab f'dawn iż-żewġ fatti: it-tifkira ta' mewt martu ma tinħassx b'mod pożittiv, waqt li ma kiteb ebda poeżija biex tfakkarha.

Aktarx li dawn kienu l-agħar snin fil-ħajja tiegħu kollha. Wara l-mewt ta' martu, stkerrah iddar u għamel żmien jorqod f'kamra privata fl-isptar ċentrali, il-Furjana. Madankollu, f'Ottubru ta' l-istess sena ma naqasx li japplika għal post ogħla. Fil-gazzetta tal-Gvern ta' l-10 ta' Ottubru, 1950, deher avviż li jistieden applikazzjonijiet għall-postijiet marbutin flimkien ta' Uffiċjal Mediku għall-V.D. u għad-dipartiment dermatoloġiku ta' l-isptar ċentrali tad-dipartiment mediku u tas-saħħa, u ta' "lecturer" fil-Venerejoloġija u d-Dermatoloġija fl-Universita' ta' Malta. Aktar tard kien hu li ngħażel għal dawn iż-żewġ postijiet fis-26 ta' Jannar, 1951 u baqa' fihom sakemm miet. Flimkien mal-"curriculum vitae" tiegħu, Briffa kien wera ma' l-applikazzjoni għadd ta' ittri minn nies mediċi, Maltin u barranin, li jwettqu l-ħila tiegħu. Fost l-oħrajn, I. Muende tas-"St. John's Hospital for Skin Diseases", Londra, kiteb: "During that time I was very impressed by his ability and industry and feel that he has left the Laboratory the richer for a very good practical knowledge of the subject......"



Rużar Briffa, mat-tieni mara tiegħu, Louisette, fid-dar tagħhom, il-Belt, f'Diċembru 1960

Barra minn dan, kien hemm il-fatt li l-prattika privata tiegħu kienet imfittxa u magħrufa mhux ftit, u sikwit kien jiġi msejjaħ minn tobba oħrajn għal konsultazzjonijiet, kemm ġewwa u kemm barra mill-isptarijiet ta' Malta u Għawdex.

## LOUISETTE ATTARD BAJONA

Wara żmien ikreh u nixfa poetika (April, 1950 — Mejju, 1952), Briffa jidher li għadda għall-aħjar taqsima ta' ħajtu, meta fil-21 ta' Mejju, 1952, iltaqa' ma' Louisette Attard Bajona li dik il-ħabta kienet taħdem fid-dipartiment tas-Sanità'. Dak in-nhar stess tard fil-għaxija kitbilha l ewwel poeżija għaliha, "A Luisetta, Non Piu' ". Għall-bidu huwa kitbilha sensiela ta' liriċi oħra bit-Taljan biex jilqa' l-ħajra tagħha, iżda hija ma damitx ma bdiet tapprezza l-oepżija Maltija tiegħu. Dan fisser għejjun ġodda ta' poeżija u tama. Waqt li fil-versi Taljani (li huwa qatt ma kellu l-ħsieb li jxandar) huwa sejħilha b'isimha veru, fil-poeżiji Maltin ħoloq isem fantastiku: Annabella.

Iż-żwieġ tagħhom seħħ nhar it-23 ta' Novembru, 1952 fil-Knisja ta' Santa Katerina ta' l-Italja, Valletta. Mid-dar 44, Vjal il-Qalb Imqaddsa, San Ġiljan, mar joqgħod fl-appartament 15/23, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, il-Belt. Dan it-tlaqqigħ ġieb miegħu żgħożija ġdida għall-poeta u għadd ta' poeżiji li żviluppaw fih aħjar il-kunċett tas-sbuħija li kien intrabat miegħu sa mill-bidu. Iżda t-tmiem ta' din ir-rebbiegħa ma kienx fil-bogħod.



Cecilja, illum Suor Rosarja, il-bint waħdanija tal-poeta, li daħlet soru f'Ottubru, 1961 ftit xhur wara li Briffa sar jaf li hu marid serjament.

## IT-TMIEM

Nhar l-10 ta' Lulju, 1961, Briffa sar jaf minn għand it-tabib tiegħu li kien marid serjament. Kien il-bidu tat-tmiem. Fis-17 ta' Lulju, huwa siefer għal Ruma flimkien ma' martu Louisette għall-kura kontra l-kanċer tiegħu fil-larinġi (il-ħofra tal-gerżuma li fiha l-kordi tal-leħen), u dam tliet xhur. F'Novembru ta' l-istess sena reġa' mar Ruma għal "visita di controllo" u dam għaxart ijiem.

Bintu Cécilja daħlet soru ta' "St. Joseph of the Apparition" f'Ottubru, 1961, u kellha ssiefer lejn Marsilja fl-20 ta' Awissu, 1962. F'Mejju ta' dik is-sena, Ružar, dejjem ma' martu, kien reġa' siefer għall-kura f'Ruma għal għaxart ijiem, u mbagħad f'Londra għal madwar tliet xhur. Din kienet l-aħħar safra.

Dwar l-aħħar xhur fil-ħajja tal-poeta, Dr. Alfred Cauchi kiteb: "L-aħħar laqgħa li kelli miegħu għal għarrieda kienet aktarx xi għaxar xhur qabel ma miet. Huwa kien ħiereġ minn spiżerija u ltqajna wiċċ imb'wiċċ. Rużar kien sar famuż u ammirat minn kulħadd bħala poeta u ħassejtni onorat u kburi nkellmu. Saħħtu kienet tidher sewwa li sejra lura, u meta ħaddantu minn qaddu, intbaħt kemm kien għolob. "Kif inti, Rużar?" staqsejtu bil-ħerqa. "La ħażin u lanqas tajjeb," wieġeb b'leħen maħnuq, wara waqtiet ta' eżitazzjoni. Imbagħad waqaf iħares fil-vojt. "Ma tiflaħx, Rużar? Għandek id-dijabete?" erġajt staqtejtu. "Le, Fred, le, imma" u weġibni b'dawn il-kelmiet preċiżi, "bdejt inħoss l-effetti ta' l-imrar li sqietni l-ħajja", u baqa' iħares fil-vojt... Ftit wara qalli "Saħħa, Fred, Saħħa!" u tbiegħed minni jgħaġġel u jxejjer idu biex isellimli".

"Il-Ballatella tal-Funtana" hija l-aħħar poeżija tiegħu li kitibha fuq naħa waħda ta' daqsxejn ta' borża tal-karti. Wara nofs in-nhar ta' l-1 ta' Novembru, 1962, Briffa mar il-Barrakka ta' Fuq u ntasab fuq bank ħdejn il-vaska qadima. Ftit ħin qabel kien ħa xi ħaġa mill-"Premier" u xeħet il-borża fil-but. Jiġifieri mar fil-ġnien bil-ħsieb li jikteb il-poeżija? Xi jiem wara, hu ta dil-kopja, li hu kien ħallieha fil-but, mitwija fi tnejn, lil ħabibu P. Valentin Barbara li kien iltaqa' miegħu bla ħsieb. Hu u jagħtihielu qallu, "Ħa, agħmel biha li trid," waqt li ma ħalliehx jiftaħha u jaqraha quddiemu. It-tmiem kien resaq sewwa, u l-poeżija aħħarija turi li hu kien jaf.

L-aħħar darba li laqa' n-nies fl-ispiżerija fejn kien joqgħod, il-"Crown Pharmacy", kien nhar l-Erbgħa, 13 ta' Frar, 1963. Saħħtu kienet marret lura ħafna, u martu għalxejn kienet tħeġġu biex jitlaq lill-morda. Kien jilqa' n-nies bejn il-11.00 a.m. u s-1.30 p.m. u bejn il-5.30 p.m. u t-8.00 p.m. Fl-aħħar xhur, martu Louisette kienet tmur tgħinu u tiktiblu dak li kien jeħtieġ minħabba li leħnu kien magħdur ħafna. L-aħħar lezzjoni lill-istudenti tal-mediċina fl-isptar San Luqa taha tlett ijiem biss qabel nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Frar, 1963, meta miet fid-8.45 a.m., fid-dar 15/23, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, il-Belt. Il-funeral lejn il-qabar tiegħu (East division, Taqsima A. Komp. P, numru 22) fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, sarlu l-għada wara nofs in-nhar. Kien jum ikreh ta' xita, silġ u rjieħ qawwija, iżda sakemm niżżluh fil-qabar, it-temp laħaq ikkalma ġmielu u ħarġet ix-xemx... Tgħid, kienet ħarġet tard wisq għall-poeta?

## BIBLJOGRAFIJA

"Il-Pronostku Malti". "La Brigata" (Rassegna di lettere, scienze ed arti). "Journal of the Malta University Literary Society". 'Malta Letteraria". "Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir" (R. Briffa, Empire Press, 1931). "Il-Ħmara" (folju varju-umoristiku). "Leħen is-Sewwa". 'Malta" (organo del partito nazionale). "Poetes Maltais" (n. 17, Les Cahiers de Barbarie, Laurent Ropa, 1937). 'Dizzjunarju BijoBibljografiku" (R. Mifsud Bonnici). "La Grande Revue" (149e volume, Paris, 1935). "L'Age Nouveau" (n. 14, Avril, 1939). "Medical History of Malta" (Dr. Paul Cassar, London, 1964). "Report on the Working of the Royal University of Malta" (1949-50, 1950-51). "Il-Berqa". "Dun Karm — Ħajja u Karattru" (O. Friggieri, 1971). "L-Iżvilupp tal-Letteratura Maltija" (R. Briffa, 1949). "Poeżiji" (R. Briffa, 1960). "Leħen il-Malti". "Il-Malti". "Ġabra ta' Ward — antoloġija Maltija għat-tfal ta' l-ogħla klassijiet ta' l-iskejjel tal-Gvern" (l-ewwel ktieb, 1934). Dokumenti taċ-ċimiterju Ta' Braksja, Pieta'. Dokumenti tal-Knisja ta' San Pawl, Valletta. Dokumenti persunali u manuskritti. "Gazzetta tal-Gvern".

## TAGĦRIF IEĦOR

Louisette Briffa, Swor Rożarja (i.e., Cecilja Briffa), Roża Briffa, Carmelina Vella Briffa, Onor. Dr. Anton Buttigieg, Dr. Alfred Cauchi, Dr. V.M. Pellegrini, J.P. Vassallo, Dr. Ġorġ Zammit, Karmenu Vassallo, Prof. Ġuże' Galea, Patri Ġ. Delia, S.J., Rev. Dr. Anton Vella, Ġuże' Cassar Pullicino, Dr. Wallace Gulia, Frank Vella Briffa, Dr. Giovanni Curmi, Patri Mattew Sultana, Godfrey Zarb Adami.

**RITRATT TAL-FAĊĊATA:**

Il-poeta, student universitarju, meta kien għadu idejalist, bl-arma ta' l-universita' fuq sidru.

## DWAR L-AWTUR TA' DAN ID-DOKUMENTARJU

Oliver Friggieri twieled fl-1947 u studja fisseminarju u fl-universita' fejn fl-1968 ġie l-ewwel fil-B.A. ("cum laude") u ngħata l-"Italian Embassy Book Prize" għat-Taljan. Kittieb ta' poeżiji, studji kritiċi u artikli ta' xejra soċjali f'bosta ġurnali u rivisti. Ko-awtur ta' erba' kotba ta' poeżiji: 'Dħaħen fl-Imħuħ" (1967), "Analiżi '70 (1970), "Mas-Sejħa tat-Tnabar" (1971) u "Malta — The New Poetry" (1971). Awtur ta' "Kittieba ta' Żmienna" (1970), ktieb ta' kritika letterarja, u "Dun Karm — Ħajja u Karattru" (1971), bijografija. Qaleb għall-Malti r-rumanz "In the Eye of the Sun" ("Għajn ix-Xemx", 1972) ta' Francis Ebejer, u xogħlijiet oħra maħruġin f'pamphlets. Korrispondent letterarju ta' ġurnal lokali, membru talbord editorjali "Sagħtar", membru ta' l-Akkademja tal-Malti u l-president tal-Moviment Qawmien Letterarju. Awtur ta' rumanz ("Meta Xejn Ma Jitbiddel") li hu lest għax-xandir. Għalliem tal-Malti u l-Filosofija fi skola sekondarja. Bħal issa qiegħed jaħdem fuq ktieb ieħor ta' kritika.

Edizzjoni "Sagħtar" 1972

ONE WEEK LOAN

15c per day fine if kept beyond date stamped below

12 JAN 1996
12 JAN 1995
20/12/89
16/7/2010
21 APR 1992
27 OCT 1995
-3 NOV 1995
27 APR 1993
13 NOV 1995
30 NOV 1995
24 MAR 1994
03 JAN 1995
11 DEC 1995
03 JAN 1996

Any book which you borrow remains your responsibility until the loan slip is cancelled

23 JAN 1996

# ID-DITTA GIOV. MUSCAT

(VALLETTA)

## Edituri tal-"PRONOSTKU MALTI"

*fejn* ***RUŻAR BRIFFA*** *xandar il-poeżiji*

*ewlenin tiegħu għall-ewwel darba,*

*issellem lit-tifkira tal-Poeta.*

**REDIFFUSION (MALTA) LTD.**

minn fejn

**RUŻAR BRIFFA**

nstama' jaqra t-taħdita tiegħu
"L-IŻVILUPP TAL-LETTERATURA
MALTIJA" FL-1949

**Iqim lit-Tifkira tal-Poeta**

UNION PRESS — VALLETTA